**MALTA**

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 183**
**L-Erbgħa, 29 ta' Novembru, 2023**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 183**
**L-Erbgħa, 29 ta' Novembru, 2023**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fid-9.05 a.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 183**

**L-Erbgħa, 29 ta' Novembru, 2023**

## WERREJ


MINUTI .... 79

MISTOQSIJIET .... 79

FTEHIM TAL-KAMRA .... 79

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA
ESTIMI ĠENERALI 2024 – KUMITAT TA' PROVVISTA
IT-TMINTAX-IL SEDUTA STABBILITA – MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA .... 80

FTEHIM TAL-KAMRA .... 111

AĠĠORNAMENT .... 112

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 182, li saret fit-28 ta' Novembru 2023, ġew ikkonfermati.*

## MISTOQSIJIET

**ID-DEPUTY SPEAKER (Onor. David Agius)** Ninforma lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, din is-seduta hija mingħajr mistoqsijiet.

## FTEHIM TAL-KAMRA

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Nifhem li hawn ftehim li jrid jiġi verbalizzat. Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL (Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali):** Bonġu, Sur President, u bonġu lil kull min ingħaqad magħna. Ninforma lill-Kamra li hemm qbil bejn iż-żewġ naħat li t-terminu ta' 60 jum kif stipulat fl-artikolu 11 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap 249, rigward iż-żmien li fih il-Kamra tista' tirriżolvi li tiġi annullata jew emendata leġiżlazzjoni sussidjarja, ikun estiż sa meta l-Parlament jieqaf għall-ferjat tal-Milied, u dan speċifikament għar-rigward tal-Mozzjoni 184 imressqa mill-Oppożizzjoni dwar l-Avviż Legali 166 tal-2023. Grazzi.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** L-Onor. Paula Mifsud Bonnici.

**ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI:** Sur President, nikkonferma li hemm dan il-qbil.

**ID-DEPUTY SPEAKER:** Qabel ma ngħaddu għall-Ordnijiet tal-Ġurnata, il-Kamra se tiġi sospiża għal ftit minuti.

*Fid-9.08 a.m. il-Kamra ġiet sospiża u rriżumiet fid-9.19 a.m..*

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ESTIMI ĠENERALI 2024

## KUMITAT TA' PROVVISTA

## IT-TMINTAX-IL SEDUTA STABBILITA

## MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA

*L-ordni għall-Kumitat ġie moqri.*

**FIL-KUMITAT**

*L-Onor. David Agius, President tal-Kumitati, jippresiedi.*

**IĊ-CHAIRPERSON:** Illum il-Kumitat għandu quddiemu l-Voti tal-Ministeru għall-Ġustizzja. Nixtieq ninforma lill-Kumitat li skont Mozzjoni Nru 183 tal-31 ta' Ottubru, 2023 il-ħin tad-diskussjoni tal-lum huwa ta' tliet sigħat li għandu jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni bl-aħħar nofs għall-Gvern. Il-Ministru għall-Ġustizzja Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD (Ministru għall-Ġustizzja):** Sur President, inressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 44 - MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €44,966,917 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 44 - Ministeru għall-Ġustizzja, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT XX - MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €9,328,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot XX - Ministeru għall-Ġustizzja - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**IĊ-CHAIRPERSON:** L-Onor. Karol Aquilina.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, se nipproponi din l-emenda:

**VOT 44 - MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA**

***Personal Emoluments***

***Item 11 - Holders of Political Office***

Ħassar iċ-ċifra "€54,225" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€3".

*Delete the figure "€54,225" and substitute therefor the figure "€3".*

Sur President, "Emerġenza fil-qasam ġudizzjarju"! "Il-Qrati qed iżommu wiċċhom 'il fuq mill-ilma, imma bl-eżatt". "Problemi akuti fi ħdan il-Qorti". "Il-problemi issa huma ferm lil hinn mil-livell aċċettabbli". "Il-Qrati jinstabu f'xifer kolass". Dan mhuwiex il-kliem tiegħi, lanqas huma l-kliem ta' xi kelliem ieħor tal-Oppożizzjoni. Dan mhuwiex il-ġudizzju tiegħi personali jew inkella ta' xi ħadd mill-Oppożizzjoni jew tal-Oppożizzjoni kollha kemm hi. Dan huwa l-ġudizzju tal-Prim Imħallef Mark Chetcuti dwar il-qagħda tal-Qrati f'pajjiżna.

Dan huwa l-ġudizzju tal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u l-Maġistrati ta' Malta dwar is-sitwazzjoni tal-Qrati ta' pajjiżna. Naħseb ikun ġust ma' din il-Kamra li f'din l-okkażjoni npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra d-diskors li għamel il-Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Ottubru, 2023, ftit tal-ġimgħat ilu fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-sena forensi li minnu huwa meħud dan il-kliem, kif ukoll l-istqarrija li ħarġet l-Assoċjazzjoni tal-Ġudikatura Maltija fit-2 ta' Novembru, 2023 wkoll ftit jiem ilu li fiha jingħad dan id-diskors.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess biex jitpoġġew dawn id-dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Stqarrija għall-Istampa maħruġa mill-Assoċjazzjoni Maltija tal-Ġudikatura;
>
> Messaġġ mill-Prim Imħallef Mark Chetcuti fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-Sena Forensi fit-2 ta' Ottubru 2023.

Għalhekk, b'differenza milli jsir f'kull Ministeru fejn l-Oppożizzjoni tipproponi tnaqqis tal-paga tal-Ministru bi €3, f'dan il-Ministeru qed nipproponu li l-paga tal-Ministru mhux tinżel bi €3 imma tinżel għal €3. Dan id-diskors ingħad mill-Prim Imħallef u mill-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u l-Maġistrati ta' Malta, u huwa diskors li f'pajjiż normali jwassal għar-riżenja tal-Ministru tal-Ġustizzja. Jien intenni s-sejħa tal-Oppożizzjoni li l-Ministru tal-Ġustizzja għandu jerfa' r-responsabbiltà politika għal din is-sitwazzjoni gravi li ninsabu fiha u joffri r-riżenja tiegħu lill-Prim Ministru. Hawn mhux qed nitkellmu dwar sitwazzjoni li tista' tiġi rimedjata billi jsir xi ħaġa ta' malajr, imma hawn għandna sitwazzjoni li issa ilha tiżviluppa għal numru ta' snin u li l-Gvern Laburista naqas milli jindirizza b'mod serju.

Sur President, l-ebda ministru li kien Ministru tal-Ġustizzja f'pajjiżna qatt ma laqqat dan il-ġudizzju fil-konfront tiegħu, qatt ma sar dan id-diskors fil-konfront tiegħu, imma l-Ministru preżenti għandu l-unur jew id-diżunur li jkun ikkundannat b'dan il-mod mill-ogħla awtoritajiet tal-Qrati ta' pajjiżna. Jien nappella: Ejja jkun hemm Ministru li jista' jindirizza dawn id-diffikultajiet b'mod serju, b'mod effiċjenti u b'mod effettiv. Issa m'aħniex qed nitkellmu dwar żmien li għadna se nibdew xi leġiżlatura.

Dan il-Gvern issa ilu iktar minn għaxar snin u l-Ministru preżenti issa ilu iktar minn sentejn. Il-honeymoon ilu li spiċċa! Hawn qed nitkellmu dwar sitwazzjoni fejn il-Ministru issa jrid jibda jerfa' r-responsabbiltà. Is-sitwazzjoni ma tistax tibqa' sejra iktar hekk, ma nistgħux nibqgħu nħallu s-sistema tal-ġustizzja tagħna f'xifer kolass, f'sitwazzjoni li mhuwiex iktar possibbli li wieħed jopera fiha, u għalhekk irridu naraw bidliet sinifikanti, u l-bidla trid tibda minn fuq nett. Ma jistax ikun li taħt min għandna din is-sitwazzjoni gravi jibqa' f'postu u qisu mhu qed jiġri xejn.

Illum għandna sitwazzjoni fejn il-Qrati huma mifqugħa bil-każijiet. Għandna mħallfin u maġistrati li qegħdin jintalbu jagħmlu l-impossibbli. Għandna ħaddiema tal-Qrati li mhumiex imħallsa kif suppost, għandna ħaddiema b'pagi miżeri u b'kondizzjonijiet tax-xogħol mill-agħar. F'dan l-intervent tiegħi jien se naqbad numru ta' punti biex nispjega d-diffikultajiet kbar li hemm fis-sistema tal-ġustizzja f'pajjiżna, u se nibda mill-aktar ħaġa bażika li hija l-bini tal-Qorti.

Fl-opinjoni tiegħi din hija l-aktar ħaġa problematika li għandna. Għandna bini tal-Qorti li huwa żgħir, antik u li joħloq restrizzjonijiet kbar. Dan huwa bini li nbena minn Gvern Nazzjonalista fl-aħħar tas-snin sittin u ġie inawgurat mill-Prim Ministru Ġorġ Borg Olivier fid-9 ta' Jannar, 1971, jiġifieri dan il-bini f'Jannar li ġej jagħlaq 53 sena. Issa f'dawn l-aħħar 53 sena sar ħafna xogħol, il-każijiet fil-Qorti mhux irdoppjaw, imma rdoppjaw fuq li rdoppjaw għal diversi drabi.

Illum għandna bini tal-Qorti li huwa żgħir wisq għan-numru ta' mħallfin u maġistrati u diversi ġudikanti oħra li għandna u għandna spazji żgħar li jkunu ffullati u żgur ma jaqdix il-bżonnijiet li għandu pajjiżna. Inutli nibqgħu nippretendu li l-bini tal-Qorti jew xi estensjoni żgħira tiegħu jew xi tibdil fih se jkun biżżejjed biex jaqdi l-bżonnijiet tal-preżent jew inkella anke tal-futur immedjat ta' ftit snin oħra. Din hija illużjoni. Il-bini tal-Qorti kif inhu, anke jekk isiru ħafna bidliet fih, mhuwiex biżżejjed biex jaqdi s-sistema tal-ġustizzja ta' pajjiżna.

Sur President, qed ngħid dan għaliex in-nies li jmorru l-Qorti jirrealizzaw li hemm diffikultajiet serji. Pereżempju, meta jkun hemm ġuri jkun hemm 150 ruħ quddiem awla ta' Qorti u jkun hemm konfużjoni sħiħa sakemm jingħajtu. Ftit tas-snin ilu jien ipproponejt li l-ġurijiet il-kbar ma jibqgħux isiru fil-bini tal-Qorti imma nsibu post alternattiv għalihom biex ma jibqax ikollna influss qawwi ta' nies – ikollok madwar100 jew 150 ruħ li jiġu għall-ġuri fl-ewwel ġurnata – li joħloq din il-problema serja ta' ffullar. Dan apparti l-kwestjoni ta' sigurtà. Anke biex jidħlu n-nies il-Qorti xi kultant ikollna d-diffikultà għax dawn jinqabdu fid-daħla tal-Qorti għaliex ikunu jridu jiġu ċċekkjati. Huwa sewwa li jsir hekk, u jien nirringrazzja lill-ħaddiema tas-sigurtà tal-Qorti li jiċċekkjaw, u mhux l-ewwel darba li jsibu min jabbuża u jwaqqfuh. Sewwa jagħmlu u hekk għandu jkun biex l-ambjent tal-Qorti jkun kemm jista' jkun wieħed sigur.

Pereżempju, teżisti l-problema ta' fejn jinżammu l-esebiti tal-Qorti. Illum fil-bini tal-Qorti tant m'hemmx spazju li l-ħaddiema jridu joqogħdu jiddobbaw kamra 'l hemm, nofs kamra 'l hawn jew xi kuritur biex iqiegħdu l-esebiti tal-Qorti.

Tant hija gravi s-sitwazzjoni li waħda mill-kmamar fejn jinżammu l-esebiti qiegħda fis-sular ta' isfel tal-Qorti, erba' passi 'l bogħod minn fejn jinżammu l-persuni arrestati li jkunu se jitressqu quddiem il-Qorti. Daqshekk hija gravi s-sitwazzjoni! Immaġina inti tiġi biex tagħżel post fejn se tqiegħed il-provi u dokumenti li se jintużaw f'każ kontra persuna akkużata kriminalment! Kieku fejn tmur tqegħedhom? Ma tmurx tqegħedhom viċin ta' fejn tkun dik il-persuna, imma tqegħedhom xi imkien ieħor. Din hija sitwazzjoni gravi li ma tistax tibqa' ma tiġix indirizzata b'mod serju.

Bħalissa min imur il-Qorti jirrealizza li għaddej xogħol fit-tieni sular fejn hemm l-awli tal-imħallfin. Għandek spazju kbir b'għoli ta' qisu żewġ sulari u li dak l-ispazju li huwa kuritur kbir se jiġi maqsum min-nofs. Bażikament se jsir saqaf falz u se jiddaħħlu numru ta' awli. Issa jien nistaqsi: Xi ħadd ħaseb fuq l-effett negattiv li dan se jkollu fuq l-ispazju u fuq l-ambjent tal-Qorti? Xi ħadd ħaseb jew xi ħadd staqsa jekk l-istruttura tal-bini tal-Qorti tiflaħx għal dan l-iżvilupp? Min ġie kkonsultat dwar dawn ix-xogħlijiet?

Il-union tal-ħaddiema ġiet ikkonsultata? Il-Kamra tal-Avukati ġiet ikkonsultata? Il-Kamra tal-Prokuraturi Legali ġiet ikkonsulata? L-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u l-Maġistrati ġie ikkonsultata? Nixtieq li l-Ministru jiddedika ftit tal-ħin biex jispjega min ġie kkonsultat f'dan l-proċess. Li nista' ngħidlu jien li nkun l-Qorti kuljum hu li hemm kummenti negattivi ħafna dwar kif qed jiżviluppa l-ambjent tal-Qorti, fis-sens li dan l-ispazju f'daqqa waħda, li hu spazju li hemm bżonnu wkoll, se jiġi trasformat b'mod li wieħed kważi jibda jħossu qisu maqful. Għalhekk nitlob lill-Ministru jispjega dan it-tibdil li se jsir.

Il-Ministru qiegħed jgħid ukoll li se jkun qiegħed jagħmel investiment ta' €5 miljuni f'bini li jinstab fuq wara tal-Qorti fi Triq id-Dejqa u li dan il-bini se jiġi żviluppat f'numru ta' awli u uffiċċji ġodda. Il-Ministru qed jiftaħar u jgħid li dan se jkun żvilupp bla preċedent u se jintnefqu €5 miljuni għal dan il-proġett. Fil-verità dan il-proġett huwa proġett irriċiklat għax il-Ministru ta' qablu l-Onor. Edward Zammit Lewis diġà kien ħabbar dan il-proġett f'Novembru tal-2020, jiġifieri tliet snin ilu.

Dakinhar il-Ministru kien mar fi Triq id-Dejqa u ħabbar li kien se jagħmel dan il-proġett ta' numru ta' awli ġodda f'bini fuq wara tal-Qorti li kellu jkun lest sa sentejn wara, jiġifieri suppost sa Novembru 2022. Għaddiet sena, għaddew sentejn, għaddew issa tliet snin u dan il-proġett għadu lanqas biss beda. Irrid nagħmel referenza għal stqarrija li kien ħareġ il-Ministru Edward Zammit Lewis fis-7 ta' Novembru, 2020 fejn kien qal li fi żmien sentejn binja dilapidata biswit il-Qorti eżistenti fi Triq id-Dejqa l-Belt Valletta se tkun qed tiġi rinnovata u ristrutturata bil-għan li jitwaqqfu erba' awli u 25 uffiċċju ġdid. Hawnhekk għandi stqarrija bir-ritratti tal-Ministru qed jindirizza l-konferenza tal-aħbarijiet ta' dik l-okkażjoni, li nitlob il-permess biex inpoġġiha fuq il-Mejda tal-Kamra:

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Stqarrija mill-Ministru għall-Ġustizzja (PR202209) datata 7 ta' Novembru 2020: 'Investiment ta' €5 miljun f'binja ġdida għall-qrati tagħna'.

Irrid niġbed l-attenzjoni li dak iż-żmien il-Ministru Zammit Lewis kien qal li se jkun hemm erba' awli ġodda u llum, biex tkompli tiggrava s-sitwazzjoni, il-Ministru qed jgħid li mhux erbgħa se jkun hemm imma tlieta.

Għandna wkoll sitwazzjoni gravi fil-bini tal-Qorti f'Għawdex. Ma nafx kemm-il darba ġie mwiegħed li se jinbena qorti ġdid għal Għawdex, u Ministru Laburista wara ieħor ta' Għawdex jagħmel pjan, imbagħad ta' warajh iħassru jew ibiddlu! Kienet daħlet pika - u jien ngħid li għad hemm din il-pika - bejn Ministri suċċessivi Laburisti dwar x'għandu jsir rigward il-bini tal-Qorti. Wieħed jagħmel pjan mod, jinbidel, isir ta' warajh, iħassar dawk il-pjanijiet u jerġa' jibda mill-ġdid. Jekk wieħed jara d-diskors tal-Ministru tal-Finanzi u l-estimi li ppreżenta, wieħed isib li għat-tieni sena konsekuttiva m'hemm l-ebda flus ivvotati għal dan il-għan. It-tieni darba din, it-tieni sena, u l-vot kapitali għall-Qorti ta' Għawdex tnaqqas minn €400,000 fis-sena 2022 għal €100,000 fis-sena 2023.

Mela l-ewwel problema gravi li għandna fis-sistema tal-ġustizzja f'pajjiżna hi li għandna bini

inadegwat fejn il-Qrati ta' pajjiżna joperaw. Jien naħseb li wasal iż-żmien li nindirizzaw din il-problema billi jkun hemm id-deċiżjoni li jsir żvilupp ta' bini ġdid tal-Qorti fil-Belt Valletta biex nindirizzaw din is-sitwazzjoni fejn imħallef irid jaħdem imma m'għandux awla fejn jaħdem. Għandna sitwazzjoni fejn maġistrat ikun irid jagħmel seduti żejda u minflok ikollna l-awli għad-dispożizzjoni tiegħu, dan ma jistax jaħdem għax m'għandux awla fejn iżomm l-affarijiet u fejn ikun hemm il-ħaddiema tiegħu u jkun jista' jopera fi xħin irid b'mod li jkun jista' jaqta' x-xogħol.

Għandna mħallfin u maġistrati li jridu jaħdmu. Għandna mħallfin u maġistrati li jekk tgħidilhom li tkun disponibbli fit-8.00 a.m., jagħmlu s-seduta fit-8.00 a.m. Għandna mħallfin u maġistrati li jissuġġerixxu, pereżempju, li jagħmlu seduti anke waranofsinhar meta jkun hemm bżonn. Jiġifieri r-rieda tal-imħallfin u l-maġistrati li jmexxu 'l quddiem ix-xogħol tal-Qorti qiegħda hemm, u jien ngħid li dik ir-rieda tal-imħallfin u l-maġistrati hija komplementata bil-qawwi mill-ħaddiema tal-Qorti.

Problema kbira fis-sistema tal-ġustizzja f'pajjiżna hija n-nuqqas kbir ta' ħaddiema u ta' ħaddiema kwalifikati u mħarrġa biex jagħmlu x-xogħol fil-Qorti. Ix-xogħol fil-Qorti mhuwiex kwalunkwe xogħol għax hemm proċeduri partikolari u speċjali u x-xogħol ikun irid isir b'ċerta serjetà. Hawn qed nitkellmu dwar ħaddiema li jassistu mħallfin u maġistrati fix-xogħol tagħhom, ħaddiema li jmexxu awli kważi aktar mill-imħallef u l-maġistrat fil-mod kif jiġi organizzat ix-xogħol.

Sur President, l-ewwel nett irridu nirringrazzjaw lil dawn il-ħaddiema tal-kontribut tagħhom fis-sistema tal-ġustizzja tagħna għall-isforzi li jagħmlu konsistentement kuljum biex is-sistema tal-ġustizzja tagħna b'xi mod tibqa' topera, però għandna diffikultajiet kbar. Lura fis-snin meta jien ilħaqt avukat, kważi 20 sena ilu u anke qabel, il-Qorti kien post li wieħed jaspira li jmur jaħdem fih. L-aħjar nies fiċ-Ċivil kien jfittxu li jmorru jaħdmu l-Qorti għaliex kien hemm ċertu preġju u stima fil-post u kien hemm ċertu sens ta' organizzazzjoni. Illum il-ġurnata s-sitwazzjoni hija l-oppost. Illum din il-ġibda lejn il-Qorti bħala post tax-xogħol sparixxiet u minflok għandna s-sitwazzjoni li persuna li taħdem fiċ-Ċivil jew persuna li qiegħda tfittex impjieg tevita għal kollox li tmur taħdem il-Qorti.

Għaliex ġara dan? L-ewwel nett l-aktar raġuni importanti hija l-kwestjoni tal-pagi u l-kondizzjonijiet tal-ħaddiema. Jekk wieħed jara l-pagi tal-ħaddiema jirrealizza li dawn bl-ebda mod ma jistgħu jitqabblu ma' pagi oħrajn għar-responsabbiltà li l-ħaddiema jġorru. It-tieni għaliex il-volum tax-xogħol u r-responsabilitajiet tagħhom kiber b'mod inaċċettabbli. Huwa inaċċettabbli li twaqqfet l-Aġenzija għas-Servizz tal-Qrati u minflok l-affarijiet marru 'l quddiem kif suppost sar, l-affarijiet marru għall-agħar, tant li qegħdin f'emerġenza fil-qasam tal-ġustizzja. Dan ma seħħx b'kumbinazzjoni imma seħħ għaliex fl-aħħar għaxar snin il-Gvern minflok imbotta 'l quddiem biex fil-Qorti jkollna jaħdmu l-aħjar nies, ħoloq sitwazzjoni fejn min għandu interess li jsib xogħol marbut mal-ġustizzja minflok jagħżel it-triq li jaħdem mal-Aġenzija, mal-Gvern fil-Qorti, jippreferi jmur jaħdem band'oħra, f'affarijiet oħrajn marbuta maċ-Ċivil jew fis-settur privat.

Aħna nixtiequ naqilbu din ix-xejra, Sur President. Aħna rridu sitwazzjoni fejn l-aħjar imħuħ u l-aħjar persuni jagħżlu li jmorru jaħdmu fis-servizz tal-Qrati ta' pajjiżna. Dan irridu nagħmluh billi l-ewwel intejbu l-pagi u l-kondizzjonijiet tal-ħaddiema. It-tieni, wieħed irid jaħdem f'ambjent organizzat u mhux jispiċċa skjav tax-xogħol, u jkun iħoss li x-xogħol qed jagħmlu kif suppost, b'mod prudenti, b'mod responsabbli mingħajr diffikultajiet biex ikun jista' jilħaq l-għanijiet li ta' fuqu jkun qed jitolbu biex jilħaq.

Din is-sitwazzjoni tal-ħaddiema tal-Qorti hija riflessa anke fl-avukati żgħar li jixtiequ jaħdmu l-Qorti. Din ġieli semmejtha lill-Ministru u naf li l-Ministru jaqbel miegħi dwarha. Jien ngħid li llum għandna kriżi fin-numru ta' avukati li jridu jiġu jaħdmu l-Qorti. Illum għandna sitwazzjoni fejn kull sena numru ta' avukati li ilhom jipprattikaw għexieren ta' snin qegħdin jagħżlu li ma jibqgħux jaħdmu l-Qorti. Għaliex? Għaliex il-mod kif miexja d-dinja huwa kompletament differenti minn kif isiru l-affarijiet fil-Qorti. Il-mod kif l-affarijiet idumu l-Qorti, l-ambjent tal-Qorti u l-mod kif forsi jġibu ruħhom bejniethom in-nies fil-Qorti mhuwiex wieħed seren jew pjaċevoli.

Diġà min-natura tiegħu x-xogħol huwa stressanti ħafna u hemm ċerta tensjoni. Dan minbarra li hemm ukoll kwestjoni ta' dħul mill-avukati għal ċertu xogħol li jagħmlu. Minħabba dawn ir-raġunijiet għandna sitwazzjoni fejn tistaqsi lill-avukati żgħar u ssib li ħadd ma jrid jiġi jaħdem il-

Qorti. Filwaqt li hemm din l-aspirazzjoni li inti tkun avukat li tipprattika l-Qorti għax fih is-sabiħ tiegħu, però meta tmiss mar-realtà tinduna li m'għandekx tersaq 'l hemm.

Jien nappella lill-Ministru biex insibu mod kif din ix-xejra negattiva dwar il-Qorti fost l-avukati żgħar tiġi indirizzata. Hemm ħafna affarijiet x'jistgħu jsiru. Jekk wieħed jaqbad ftit il-proposti tal-Kamra tal-Avukati dwar il-professjoni u kif tista' tiġi regolata aħjar, dik hija waħda mill-affarijiet li hemm bżonn li jsiru. Hemm aspetti li jistgħu jinbidlu anke fil-mod kif inhu strutturat il-kors tal-liġi fl-Università. Għadek tisma' studenti jgħidulek li ħarġu mill-Università, marru l-Qorti u skoprew li dak li tgħallmu l-Università ma jippreparakx għall-Qorti u jispiċċaw f'dinja kompletament differenti.

Sur President, dawk huma l-aktar żewġ affarijiet importanti li jridu jiġu indirizzati biex is-sitwazzjoni ma tkomplix sejra għall-agħar. Jien issa se nagħti eżempji ta' kemm is-sitwazzjoni hija gravi billi nirreferi għal xogħol li għamlu l-imħallfin u l-maġistrati ta' pajjiżna ta' kuljum mingħajr waqfien u b'mod li ma jistgħux jitkellmu dwaru apertament. Waħda mill-affarijiet tajbin li kien għamel Gvern Nazzjonalista kienet li beda jippubblika l-istatistika dwar il-każijiet li hemm il-Qorti. Fil-fatt kien f'April tas-sena 2002, jiġifieri 21 sena ilu - dak iż-żmien il-Ministru tal-Ġustizzja kien Austin Gatt - li l-Qorti ppubblikat l-ewwel rapport bl-istatistika dwar il-kawżi li kienu jinstabu pendenti quddiem il-Qorti. Illum, jekk irridu, nistgħu naraw 21 sena sħaħ ta' statistika li biha wieħed jista' jagħmel analiżi, jista' jiġbed ukoll konklużjonijiet u jista' wkoll joħroġ b'ideat ta' x'jista' jsir. Però l-aktar ħaġa importanti hi li wieħed irid jindirizza fejn hemm il-problemi. Hawn nitlob il-permess biex inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar statistika tal-Qorti.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Analiżi ta' Kawżi tal-Qrati u Tribunali Ċivili maqsuma skont il-Qorti fil-perjodu bejn Jannar u Settembru 2023; u
>
> Statistika dwar kawżi f'Ottubru 2023 maħruġa mill-Qrati tal-Ġustizzja.

Din l-istatistika hija miġbura fi tnejn. Għandek is-settur kriminali u ċ-Ċivil, imbagħad din l-istatistika hija miġbura b'mod li wieħed jista' jikkompara u jista' jirrealizza wkoll fejn hemm diffikultajiet serji. Hawnhekk jien se nsemmi numru ta' punti li jirriżultaw minn din l-istatistika u li għandhom jinkwetaw lil kulħadd. Bħalissa jinkwetaw l-aktar l-imħallfin u l-maġistrati lill-persuni li jaħdmu l-Qorti u min imur il-Qorti. Jien se ngħaddi dawn in-numri u se nispjegahom biex wieħed ikun ċar fuqiex qegħdin nitkellmu.

Sa Settembru 2023 quddiem il-Qrati ta' pajjiżna fil-Kriminal kellna aktar minn 1,800 inkjesta pendenti, jiġifieri l-maġistrat jirċievi rapport, jiftaħ inkjesta u jagħmel l-investigazzjoni u l-ġbir tal-provi hu. Sa Settembru 2023 kien hemm madwar 2,800 kumpilazzjoni pendenti, jiġifieri każ ta' ġbir ta' provi kontra persuna akkużata u mressqa quddiem il-Qorti. Maġistrat wieħed waħdu - u jien għandi l-isem imma mhux se nsemmi l-ismijiet għax mhux importanti - għandu 274 inkjesta pendenti quddiemu. Dan apparti x-xogħol l-ieħor li se nsemmi li għandu dan l-istess maġistrat.

Maġistrat ieħor waħdu għandu 1,572 każ tad-distrett pendenti quddiemu. L-istess maġistrat li għandu dawn l-1,572 każ tad-distrett pendenti quddiemu għandu 214-il kumpilazzjoni u 153 inkjesta. Kif jista' jkun li maġistrat jagħmel dan ix-xogħol kollu b'mod effiċjenti u effettiv jekk għandu dawn in-numri kbar pendenti quddiemu? Maġistrat ieħor għandu 346 kumpilazzjoni pendenti quddiemu, apparti xogħol ieħor. L-istess maġistrat li għandu 274 inkjesta pendenti għandu wkoll 3,731 każ ta' traffiku pendenti quddiemu.

Il-każijiet fil-Qorti tal-Familja dwar vjolenza domestika jammontaw għal 2,283 u maġistrat wieħed waħdu għandu 2,266 każ ta' vjolenza domestika pendenti quddiemu. Issa hawn irrid nieqaf ftit. Il-Ministru jgħid li fil-verità għandna żewġ maġistrati li jagħmlu u jisimgħu l-każijiet tal-vjolenza domestika. Veru, għandu raġun, hemm żewġ maġistrati, però wieħed mill-maġistrati għandu 2,266 każ ta' vjolenza domestika pendenti quddiemu u l-maġistrat l-ieħor għandu 17-il każ biss pendenti quddiemu. Issa għiduli intom maġistrat li għandu 2,266 każ ta' vjolenza domestika pendenti quddiemu, kif

jista' jisma' dawn il-każijiet u jiddeċidihom fi żmien raġunevoli biex ma jkollniex aktar id-definizzjoni ta' sitwazzjoni gravi li kellna f'dan il-pajjiż sa ftit tax-xhur ilu? Qed nara lill-Onor. David Agius u kien hawn il-Kap tal-Partit ukoll u nies oħrajn li semmew li l-Qorti qiegħda toħroġ differimenti ta' każijiet tal-vjolenza domestika mhux għal Frar 2024, imma għal Frar 2025. Għall-Ministru dan huwa aċċettabbli jew le?

Ftit tax-xhur ilu meta laħqu numru ta' maġistrati u mħallfin ġodda l-Ministru kien għamel premura u qal li issa li għandna dawn il-maġistrati ġodda se jindirizza din is-sitwazzjoni billi l-Prim Imħallef jalloka maġistrat ieħor għall-każijiet ta' vjolenza domestika. Ir-realtà mhijiex hekk. Dan mhux qed ngħidu jien imma qed tgħidu l-istatistika uffiċjali tal-Qorti li ma jista' jmeriha ħadd li dwar il-każijiet tal-vjolenza domestika għandna maġistrat wieħed li qiegħed jisma' 2,266. Għiduli intom jekk hawnx xi ħadd kapaċi li dawn l-2,266 każ jismagħhom u jiddeċidihom fi żmien raġunevoli?

Fi żmien raġunevoli fil-każ ta' vjolenza domestika żgur ma jistax ikun snin, imma jrid ikun ftit ġimgħat jew ftit jiem. Lanqas għandu jkun ftit xhur, imma għandu jkun ftit jiem jew ftit ġimgħat! Lill-Ministru ngħidlu li bl-intenzjoni kollha tajba ta' kulħadd is-sitwazzjoni mhux veru ġiet indirizzata. Din għedtha jien, qaluha kollegi oħrajn tiegħi, ġiet irrapportata fil-mezzi tax-xandir, imma donnu li jaqa' fuq widnejn torox. Aħna nistennew li din is-sitwazzjoni tiġi indirizzata bl-aktar mod rett u immedjat għax dawn huma sitwazzjonijiet sensittivi li ma jistgħux jibqgħu jistennew għal żmien twil. Hawnhekk m'aħniex qed nitkellmu dwar kwestjoni bejn tnejn min-nies dwar tieqa jew ventilatur. Hawn qed nitkellmu dwar relazzjonijiet bejn in-nies fejn ikun hemm element ta' vjolenza u jkun hemm ir-riskju għall-ħajja tal-persuni.

Hemm maġistrat wieħed li għandu 4,052 proċedura pendenti quddiemu, inkjesti, kumpilazzjonijiet u każijiet, apparti ħafna affarijiet oħra ta' amministrazzjoni li jsiru u li ma jidhrux. Naturalment f'din l-istatistika ma jidħlux, pereżempju, it-talbiet għal mandati u dawn l-affarijiet. Dan ma jista' qatt ikun ikkonsidrat bħala aċċettabbli. Imma ħalli issa nitkellem ftit dwar iċ-Ċivil u, l-istess, se nitkellem fuq l-istatistika, jiġifieri dawn mhumiex opinjonijiet tiegħi imma huma statistika li tippubblika l-Aġenzija kull xahar.

Quddiem il-Qorti tal-Appell veru biddilna l-proċedura tal-appell u jien naqbel magħha, għalkemm hemm xi affarijiet li jistgħu jiġu rfinati, però għad għandna sitwazzjoni fejn għandna madwar 500 appell li għadhom sal-ġurnata mqaddsa tal-lum ma ġewx appuntati. Għandna appelli li ilhom pendenti tlieta, erba' snin. Issa ħalli nispjega ftit għax forsi jkun hawn min jgħidlek li hija ħaġa ovvja li ddum fl-appell. Le, mhux ovvja li ddum. Hawnhekk qed nitkellmu dwar xi ħadd li ppreżenta appell minn kawża, il-parti l-oħra wieġbet għal dak l-appell u l-Qorti, minflok tappunta ġurnata u tisma' l-appell, tħalli tlieta, erba' snin biex tagħtik l-appuntament għal meta jibda jinstema' l-appell. Issa jien naf li bil-proċedura l-ġdida din is-sitwazzjoni ġiet indirizzata, però naħseb li huwa inġust li nħallu dawn il-500 każ mhux indirizzati u dan għandna nirrimedjawh kemm jista' jkun malajr.

Naħseb li għandna nagħmlu sforz akbar biex ikun hemm aktar imħallfin assenjati fil-Qorti tal-Appell fit-tliet sezzjonijiet differenti. Meta saru dawn is-sezzjonijiet, l-intenzjoni ma kinitx li noqogħdu ngħidu li din is-sezzjoni tisma' biss dawn il-każijiet, imma l-intenzjoni kienet li eventwalment, wara numru ta' snin, dawn it-tliet sezzjonijiet jibdew jisimgħu l-każijiet kollha mingħajr ebda distinzjoni biex ikun hemm ċertu effiċjenza.

Bħalma għandna fil-każ tal-maġistrati, anke fost l-imħallfin għandna l-istess sitwazzjoni dwar każijiet pendenti quddiemhom. Imħallef wieħed waħdu – u nerġa' ngħid li mhux se nsemmi ismijiet apposta, però min irid imur ifittex l-istatistika jinduna - għandu 725 kawża pendenti quddiemu. Imħallef ieħor għandu 609, ieħor għandu 593 u ieħor għandu 557 kawża pendenti quddiemu. Intom jidhrilkom li dawn huma numri aċċettabbli li wieħed jista' jimmaniġġja tajjeb? Fiċ-Ċivil ukoll għandna maġistrat li quddiemu għandu aktar minn 1,000 kawża pendenti. L-istess, dan huwa numru aċċettabbli? Aħna qed nippretendu li maġistrat jagħmel dan il-volum kbir ta' xogħol, apparti xogħol ieħor ta' kuljum?

Fil-Qorti tal-Familja, fejn għandna tliet imħallfin b'kollox, hemm kważi 1,200 każ u mħallef wieħed waħdu għandu 472 każ pendenti quddiemu. Ieħor għandu 463 u hemm ieħor

għandu 276 każ. Din hija kwestjoni sensittiva ħafna. Jeħtieġ li jkollna aktar ġudikanti biex dawn il-każijiet jinstemgħu aktar malajr. Imma jekk ikollok il-ġudikanti u ma jkollokx l-ispazju u ma jkollokx ir-riżorsi umani li jassistu lill-imħallfin, nafu li dik hija problema kbira.

Sur President, dawn in-numri juru li l-imħallfin u l-maġistrati tagħna qegħdin jintalbu jagħmlu l-mirakli, u aħna nafu li l-ebda bniedem fuq din l-art ma jagħmel il-mirakli. Nispera li l-Ministru jaqbel miegħi li din hija sitwazzjoni li m'għadhiex aktar aċċettabbli. Nispera li jirrealizza li ma nistgħux nibqgħu sejrin hekk. Nispera li l-Ministru jirrealizza kemm hi gravi s-sitwazzjoni u kemm għandu responsabbiltà kbira u, l-ewwel nett, jerfa' r-responsabbiltà politika għal din is-sitwazzjoni gravi. Kif tista' tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni? Jien se nsemmi ftit ideat. M'għandix dubju li hemm ħafna oħrajn u hemm opinjonijiet diversi, però naħseb li dak li se nsemmi huwa l-ovvju u li jgħiduh ħafna nies.

Ftit tal-ġimgħat ilu kellna l-ħatra ta' tliet imħallfin ġodda: l-Imħallef Natasha Galea Sciberras, l-Imħallef Mark Simiana u l-Imħallef Henri Mizzi, li nsellmilhom minn hawnhekk. Ftit tal-jiem ilu kellna wkoll l-aħbar li se jinħatru ħames maġistrati ġodda li wkoll isellmilhom u nawguralhom. Dawn huma l-avukati Antoine Agius Bonnici, Philip Galea Farrugia, Jean Paul Grech, Ann Marie Thake u Nadia-Helena Vella. Kollha huma persuni serji, kollha huma persuni kompetenti ħafna, m'hemmx dubju dwarhom, u m'għandix dubju li se jaqdu r-rwol tagħhom tajjeb.

Però nistaqsi: It-tliet imħallfin ġodda u dawn il-ħames maġistrati ġodda se jkollhom staff tal-ħaddiema assenjati magħhom mill-ewwel ġurnata? Jew se jkollna repetizzjoni ta' dak li ġara ftit tax-xhur ilu meta nħatru erba' maġistrati ġodda u dawn spiċċaw ma jistgħux jaħdmu għal numru ta' xhur għax ma kellhomx ħaddiema magħhom? Se jkollhom l-istaff allokat magħhom u l-awla tagħhom? Se jkollhom l-ispazju tagħhom minn fejn jistgħu joperaw? Jew inkella se jkollna mill-ġdid numru ta' maġistrati li jħarsu lejn is-saqaf għax iridu jaħdmu imma ma jistgħux għax m'hemmx biex taħdem?!

Waħda mill-inizjattivi li għandha ssir b'mod immedjat hi li meta jilħaq maġistrat u imħallef ġdid għandu jkun hemm mill-ewwel l-assenjazzjoni tat-tim ma' dak l-imħallef jew maġistrat. M'għandniex nibqgħu naħtru mħallfin u maġistrati, nitfgħuhom fil-problema, imbagħad irridu naraw wara kif se niddubbaw xi ħadd minn hemm, niddubbaw xi ħadd minn hawn, jew nissellfu lil xi ħadd minn xi mkien ieħor biex ngħaqqdu t-tim ta' madwaru. Imħallef jew maġistrat li jilħaq għandu jkollu mill-ewwel it-tim tiegħu ta' ħaddiema.

It-tieni punt huwa dwar il-kwestjoni tal-maġistrati inkwerenti. Aħna bħala Oppożizzjoni ilna snin ngħidu li għandu jkun hemm grupp ta' maġistrati inkwerenti li jagħmlu l-inkjesti biss, u hawn se nistaqsi biss. Kif se ssir l-assenjazzjoni ta' dawn l-maġistrati? Il-maġistrati li se jibdew jagħmlu inkjesti biss huma fost il-maġistrati eżistenti, fosthom dawk li ġew maħtura issa? Jien qed nistaqsi, m'iniex qed nipprova nakkuża lil xi ħadd, biex inkun ċar. Kif se ssir l-assenjazzjoni tagħhom? Kemm għall-inkjesti ġodda u kemm għall-inkjesti li huma pendenti, se jkun hemm xi deċiżjoni li inkjesti li qegħdin pendenti quddiem xi maġistrati partikolari, dawk jitteħdulhom? Jekk se jkun hemm hekk, min se jieħu dik id-deċiżjoni? Se jkun il-Ministru? Se jkun il-Prim Imħallef?

Sur President, jien qed nitlob lill-Ministru jindirizza dan il-punt anke biex nevitaw sitwazzjoni ta' kontroversja dwar kif dawn il-maġistrati se jibdew jagħmlu l-inkjesti biss. Jien se mmur *oltre* minn hekk. L-idea li jkun hemm maġistrati li jagħmlu l-inkjesti biss wieħed m'għandux iwettaqha nofs sajran imma għandu jagħmilha tajba mill-ewwel. Inutli nagħmlu maġistrati li jagħmlu inkjesti biss jekk fuqhom se ngħabbu l-istess problemi li hemm fil-Qorti llum. Fil-fatt il-Prim Imħallef mhux din is-sena imma s-sena li għaddiet ġibed l-attenzjoni li hemm il-ħtieġa li jekk se jinħatru maġistrati ġodda għall-inkjesti biss, dawn ma jkunux jifformaw parti mill-grupp ta' maġistrati eżistenti, lanqas ikunu jifformaw parti mill-bini tal-Qorti, imma għandu jkun hemm bini dedikat apposta li joperaw minnu fejn ikollhom l-istaff, ir-riżorsi u l-esperti tagħhom b'mod li ma jiddakkrux minn dak kollu ħażin li qed isir fis-sistema tal-ġustizzja f'pajjiżna.

Sur President, l-aħħar punt li nixtieq nagħmel hu dwar żewġ affarijiet li nixtieq li l-Ministru jitkellem ftit ċar dwarhom ħalli nipprovaw nimxu 'l quddiem fihom. Ftit tal-jiem ilu ... (Interruzzjonijiet) Iva, forsi jiġi ħaddieħor u jagħmel l-affarijiet li se ngħid issa.

(Interruzzjonijiet) Ma jimportax. Ir-rwol tiegħi bħala kelliem tal-Oppożizzjoni jien naqdih. Huwa l-Ministru li ma jaqdix ir-rwol tiegħu. (Onor. Membri: Hear, hear) Jien, bil-limitazzjonijiet kollha li għandi - u għandi ħafna limitazzjonijiet, inkluż limitazzjoni ta' ħin - xogħli nagħmlu u nipprova nagħmlu tajjeb ħafna. (Interruzzjonijiet) Jien ma qlajt l-ebda kundanna mingħand il-Prim Imħallef u mingħand l-Assoċjazzjoni Maltija tal-Ġudikatura. Inti qlajtha! (Onor. Membri: Hear, hear) Jien ma qlajt l-ebda kundanna! Anzi mhux talli ma qlajtx kundanni jien, talli nieħu inizjattivi li suppost teħodhom inti!

Nagħmlulek ix-xogħol aħna qegħdin! (Interruzzjonijiet) (Onor. Membri: Hear, hear) Bħal meta ftit tal-ġimgħat ilu pproponejna għall-ewwel darba fl-istorja tal-Parlament Malti t-twaqqif ta' Kumitat dwar il-Ġustizzja. Aħna għandna sistema li fil-Parlament is-settur tal-ġustizzja ma jiġi diskuss kważi qatt ħlief meta niġu għall-vot tal-Baġit, u allura nixtieq nisma' lill-Ministru jgħid li hu favur li jitwaqqaf għall-ewwel darba kumitat tal-ġustizzja f'pajjiżna biex dan il-kumitat jibda jagħmel analiżi ta' x'qed jiġri fis-sistema tal-ġustizzja f'pajjiżna. (Interruzzjonijiet) Nagħmilha wkoll fil-kumitat jekk trid! U ejja u agħmilha int ukoll fil-kumitat, mela tħares lejja u tippretendi li nagħmillek xogħlok! Agħmel xogħlok int issa, hux! Inti b'dan li qed tgħidli lanqas €3 ma ħaqqek illum! Ħaqqek tagħtina minflok nagħtuk! (Interruzzjonijiet)

It-tieni, ftit tal-jiem ilu flimkien mal-Għaqda Studenti tal-Liġi ppreżentajna Abbozz ta' Liġi dwar stħarriġ ġudizzjarju li jirrifletti dak li l-Qrati ilhom jindikaw f'diversi sentenzi tal-Qorti li hemm bżonn bidliet. Aħna għamilna dan l-eżerċizzju flimkien mal-Għaqda Studenti tal-Liġi, u nixtieq nisma' mill-Ministru jgħid jekk huwiex favur dan l-Abbozz ta' Liġi jew le. Nixtieq nisma' mingħandu. Almenu jgħidilna li se jagħmel xi ħaġa. Veru nkunu għamilniehulu aħna, imma almenu jiġi jaqbel magħna u nkunu għamilna xi ħaġa ta' ġid. Il-Ministru l-uniku ħaġa li tinteressah hi li jekk hemm kriminali li qed ibatu xi forma ta' preġudizzju, xi forma ta' ffriżar u xi ħaġa hekk, dak mill-ewwel jiġi hawn jippreżenta l-liġi biex ibiddilha. Però affarijiet oħra li huma ta' ħtieġa u ta' importanza, dak le, dak ma jagħmel xejn dwarhom!

Sur President, il-Ministru jrid jirrealizza li s-sitwazzjoni hija gravi u gravi ħafna. Dan huwa l-uniku Ministru fl-istorja ta' pajjiżna li laqqat dan il-kliem mill-Prim Imħallef u mill-Assoċjazzjoni tal-Ġudikatura, u allura nappellalu jagħmel ħaġa onorabbli u jwarrab mill-kariga biex jagħti ċans li jkun hemm ministru li tassew irid itejjeb is-sistema tal-ġustizzja f'pajjiżna. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici.

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI:** Sur President, nirringrazzjak tal-fakultà li nitkellem f'dan il-vot partikolari tal-Ministeru tal-Ġustizzja. Dan huwa Ministeru importanti ħafna. Mhuwiex wieħed li jġib ħafna gratitudni jew b'xi mod huwa popolari mal-poplu, però kull deputat li jiġi jitkellem hawnhekk għandu dmir li jagħmel proposti u jitkellem sabiex ikun hawn aktar ġustizzja fil-pajjiż. Kif iddeskriva tajjeb il-kollega, fil-Qorti hemm numru ta' problemi nevralġiċi u hemm problemi li qed jakkumulaw li jitolbu mingħandna, li rridu ġustizzja li sservi lil pajjiżna, li nieħdu dawk il-miżuri neċessarji biex il-Qorti jaħdem aħjar u anke jkun hemm rimedji alternattivi biex in-nies jingħataw tweġiba għad-diffikultajiet li huma jsibu.

Fil-ġustizzja għandna bżonn niddiskutu xi strateġija se nużaw. Xi strateġija qegħdin nużaw bħalissa l-Qorti? L-istrateġija li ġiet użata tul dawn l-aħħar għaxar snin hija dik li tibgħat aktar xogħol fil-Qorti u l-effett tagħha kien proprju li waħħal ħafna s-settur ġudizzjarju. Hemm bżonn li nerġgħu nikkoltivaw mill-ġdid dak li aħna nsejħu bħala l-alternative dispute resolutions. Infakkar lill-Ministru li diversi pajjiżi Ewropej fis-settur tal-ġustizzja jimxu aktar 'il quddiem meta jkollhom ċentru tal-arbitraġġ u ċentru tal-medjazzjoni b'saħħtu.

Ftit taż-żmien ilu jien tlabt lill-Ministru l-istatistika dwar iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ, u sibna jew skoprejna li mill-2003, minn meta għamilna numru ta' emendi biex bgħatna ammont ta' xogħol fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ sal-lum, daħlu 6,200 kawża. Minflok daħlu l-Qorti, dawn marru fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ. Iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ jista' jiġi użat aħjar. Jista' jiġi kkoltivat aħjar billi wieħed ikollu aktar nies hemmhekk u fl-istess ħin aktar biċċiet tax-xogħol li jintbagħtu direttament fiċ-Ċentru tal-Arbitraġġ. Fil-Qorti sfortunatament għaddejjin minn proċess li fih

għandna wisq xogħol li qiegħed jidħol hemm u wisq xogħol li m'hemmx bżonn li ġudikant jindirizzah. Waħda mill-miżuri li konna għamilna aħna kienet proprju dik li tassigura li tagħmel użu aħjar min-nies li għandek il-Qorti.

Bħalissa l-istrateġija tal-Gvern hija li jġib aktar ġudikanti fil-Qorti, jiġifieri li jappunta aktar nies biex jaħdmu fil-Qorti bħala mħallfin u maġistrati. Jien wisq nibża li din l-istrateġija, kif wera l-passat riċenti, ma tagħmel ebda effett sinifikanti imma toħloq biss aktar diffikultajiet fil-mod kif jopera l-Qorti. Għaliex? Għax il-punt prinċipali fil-Qorti mhuwiex tant tal-ġudikant imma kif tagħmel użu tajjeb tal-ġudikant. Mhux biss, imma lill-ġudikant trid tassiguralu li għandu staff madwaru li huwa ppreparat, dixxiplinat, li jaf sewwa l-liġi u li għandu l-esperjenza. Jien kont nippreferi li minflok il-flus tal-Baġit intnefqu għal aktar ġudikanti, intnefqu biex ikun hemm aktar taħriġ għan-nies li għandna bżonn fil-Qorti, aktar deputati reġistraturi, aktar skrivani u aktar nies li jgħinu direttament fix-xogħol tal-Qorti.

Numru ta' ġudikanti ċerti drabi kien ikollhom żewġ teams fl-istaff tagħhom. Kien ikollhom team għall-Kriminal u team għaċ-Ċivil jew inkella team għall-Kriminal, għall-kumpilazzjonijiet jew għall-kawżi sommarji u team ieħor li jieħu ħsieb l-inkjesti maġisterjali. Dik it-triq kienet indirizzata oriġinarjament għal 13-il awla, imma llum telgħin żgur għal aktar minn 26 awla. Ma nafx, għal min jaħdem hemm ġew, kemm hija tajba, speċjalment meta jkollok diversi ġudikanti li jappuntaw il-kawżi tagħhom separatament u b'mod distint minn ġudikanti oħrajn u l-avukati jridu jaraw kif se jinqasmu minn awla għall-oħra. Ħafna drabi jkollok l-imrar ta' verbali ta' ġudikanti li jgħidulek: Billi l-avukat ma deherx - u tkun ilek il-ġurnata kollha l-Qorti tiġri min-naħa għall-oħra - il-kawża se tiġi differita għal sentenza jew affarijiet oħrajn. Hemm bżonn li l-istrateġija hemm ġew tinbidel u li naraw x'xogħol qed jidħol fil-Qorti u kif nistgħu nagħmlu użu aħjar kemm miċ-Ċentru tal-Arbitraġġ kif ukoll minn sistemi differenti.

Hawnhekk nixtieq infakkar f'meta daħħalna l-ittra uffiċjali eżekuttiva. Din kienet miżura mill-aktar sempliċi li kienet daħlet minkejja li oriġinarjament kien hemm diversi nies li ma qablux magħha. Illum il-ġurnata għandek eluf ta' ittri uffiċjali li saru u li ffrankaw kawżi lin-nies fil-Qorti. Naħseb li waħda mill-miżuri li għandha ssir għandha tkun li l-ittra uffiċjali tiżdidilha l-kompetenza tagħha. Hemm limitu ta' ammont ta' flus u wieħed tajjeb jikkonsidra li jżidu ferm aktar. L-ittra uffiċjali eżekuttiva għall-kambjali ma kellhiex dan il-limitu, qabżet u kienet miftuħa għal kollox, anke għal miljuni. Dik ħadmet u għadha taħdem illum. Li ttellgħalha l-limitu tkun waħda mill-miżuri li tnaqqas mill-kawżi li jidħlu l-Qorti.

Hemm bżonn li naraw ukoll kif qed jaħdem is-Small Claims Tribunal, kif qed jaħdmu l-maġistrati u kif qed jaħdmu l-ġudikanti. Mill-istatistika li semma l-kollega huwa ċar u evidenti li mhumiex qed jittieħdu l-passi biex jitnaqqas il-workload tal-Qorti. Il-problema ma ssolvihiex billi ġġib aktar ġudikanti jaħdmu. L-ewwel nett, meta jsir ġudikant għandu ċertu żmien biex jitgħallem kif taħdem is-sistema speċjalment meta diversi avukati li jidħlu l-Qorti qatt ma kienu jaħdmu fiċ-Ċivil jew jafu kif jopera ċ-Ċivil. Dak li inti taħseb li jista' jkun effettiv ngħid li ma jkunx daqshekk effettiv.

L-istrateġija għandha tkun li tkun aktar iffokat, u naħseb li waħda mill-azzjonijiet li għandu jieħu l-Ministru hi li jitlob lin-nies tal-Qorti jgħidulu n-natura tal-kawżi li l-aktar qed jidħlu l-Qorti. Pereżempju, hemm il-kawżi li aħna għamilna fil-Bord li jirregola l-Kera fejn għandek numru ta' ġudikanti li għandhom listi twal ta' dawn il-kawżi. Naħseb li din setgħet saret aħjar u din il-Kamra minflok bagħtithom lill-Qorti setgħet għamlet mod li jmorru xi mkien ieħor.

L-istess jgħodd għall-kawżi kostituzzjonali li qed isiru fuq il-proprjetà jew kawżi oħra ta' natura differenti, fosthom dawk marbuta mad-dannu. Meta ġejt biex nispiċċa minn Ministru, l-aħħar tlieta jew erba' snin, l-aktar kawżi li kienu qed jiġu ppreżentati l-Qorti kienu dawk marbutin mad-danni, mal-*Lex Aquilia*, u allura konna ppreparajna Abbozz ta' Liġi li tressaq hawnhekk fil-Parlament u ġie dibattut, però l-Partit Laburista dak iż-żmien opponieh bi kwalunkwe forza, saħħa u ħila qisha kienet se tiġri xi ħaġa ħażina bih! B'xi mod din kienet tnaqqas in-numru ta' kawżi mill-Qorti.

Il-Qorti trid tara kif tagħmel ukoll użu aħjar mill-intelliġenza tal-ġudikanti li għandha. Għandek grupp ta' ġudikanti li llum għandhom esperjenza u għandek grupp li huwa ġdid. Il-ġdid jieħu ż-żmien tiegħu biex jifhem kif irid jaħdem, speċjalment meta qed ikollna ġudikanti li mhux

neċessarjament waqgħetilhom żokrithom fil-ħidma tal-Qorti.

Hemm ukoll bżonn ikollna aktar intelliġenza fil-mod kif nindirizzaw il-kawżi tal-vjolenza domestika. Ilna għaxar snin f'din is-sitwazzjoni. Aħna, minn din in-naħa tal-Oppożizzjoni, konna għedna lill-Ministru ta' dak iż-żmien biex toqgħod attenta għax qed jiżdiedu l-pieni fuq kwalunkwe tip ta' reat b'mod kważi awtomatiku, u li dan kulma qed jagħmel huwa li jżid il-kompilazzjonijiet il-Qorti. Fl-aħħar mill-aħħar dan ikun ifisser li kull kawża fil-Qorti tieħu aktar żmien biex tinstema', għandha l-proċedura tagħha, iddum aktar u trid ferm aktar attenzjoni minn qabel. Inħoss li għandna bżonn induru r-reati kollha li huma marbutin hemmhekk u naraw kif nistgħu nagħmlu sistema fil-Liġi dwar il-Vjolenza Domestika li taħdem ferm aħjar milli qiegħda llum. Ovvjament, l-aktar ħaġa importanti fil-vjolenza domestika hija bidla fil-kultura, speċjalment fil-kultura maskili li n-nies mhumiex oġġetti imma huma persuni u għalhekk wieħed irid jieħu ħsiebhom.

Sur President, fil-Qorti hemm ukoll stejjer ta' suċċess bħal, pereżempju, it-Tribunal tar-Reviżjoni tal-Ġustizzja Amministrattiva li daħħalna aħna wkoll. Jien naħseb li wasal iż-żmien li wieħed iżid aktar xogħol lil dan it-Tribunal. Kemm ilu jopera daħlu 2,320 każ li s-soltu kienu jmorru f'kawżi quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili. Naħseb dik hija storja ta' suċċess u naħseb li l-Ministru jista' jaħdem aktar fuqha u jagħmel bażi aħjar għal dak li qed isir.

Fundamentalment, fil-Qorti hemm bżonn strateġija. Hemm bżonn niddiskutu strateġija dwar x'se nagħmlu u ma nagħmlux. Ma nistgħux nibqgħu nżidu x-xogħol fil-Qorti mingħajr ħsieb, mingħajr strateġija, mingħajr ideat u s-soluzzjoni tkun sempliċement aktar ġudikanti. Irrid ngħid ukoll li nittama li ttieħdu l-pariri tekniċi neċessarji għal dak li qed isir bħala strutturi fil-Qorti. Fi żmieni kienu qalulna li m'għandniex ngħabbu aktar lill-Qorti bi strutturi għax il-Qorti kienet mibnija b'ċertu mod, u jekk tgħabbiha b'aktar strutturi jista' jkun li toħloq sitwazzjoni li partijiet minnha ma tkunx tista' tutilizzahom. Nappella lill-Ministru biex iħares aktar lejn dawn il-pariri.

Nixtieq insemmi wkoll erba' punti li huma marbuta ma' kwestjoni ta' sustanza. L-ewwel nett niġbed l-attenzjoni tal-Ministru għall-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat. L-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat qiegħed fis-sitwazzjoni li n-nies li jaħdmu hemm ġew m'għandhomx l-istess kondizzjonijiet li għandhom dawk li jaħdmu fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Għandek numru kbir ta' avukati li huma mħajrin li jiċċaqilqu mill-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat għall-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Hemm bżonn din id-diffikultà kollha u nagħmlu sentejn biex lil dawn in-nies nagħtuhom l-istess kondizzjonijiet li għandhom dawk li qegħdin fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, speċjalment meta wħud minnhom ħarġu mill-istess Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali?

Lill-Ministru għamiltlu numru ta' mistoqsijiet parlamentari u dejjem jgħidli li għaddejjin id-diskussjonijiet u t-trattattivi. Għandu jkun hemm intervent dirett biex din is-sitwazzjoni tingħalaq malajr u b'mod loġiku. Jien ma narahiex loġika li l-avukati fl-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat ikollhom kondizzjonijiet ta' xogħol differenti minn dawk tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Din tmur kontra l-loġika. Għandek karrieri differenti, imma l-pakkett tas-salarju għandu jkun l-istess u għandna nagħtu l-inċentivi kollha biex inħajru aktar nies biex jimpjegaw ruħhom ma' dawn iż-żewġ uffiċċji.

Għalija, bħala persuna li ngħallem l-Università, huwa dejjem ta' sodisfazzjon li nara aktar studenti jiggradwaw u jsiru avukati għax il-pajjiż għandu bżonn aktar avukati u l-pajjiż jimxi 'l quddiem għax ikollu l-avukati li jassiguraw iċ-ċertezza fil-mod kif taħdem l-amministrazzjoni. Nappella lill-Ministru biex din jagħtiha importanza kbira u jsolviha għax għandu t-tgergir minn dawn l-avukati. Ovvjament, il-Ministru ma jismax it-tgergir li jsir il-Qorti u ma nagħtihx tort. Allaħares joqgħod jiġi l-Qorti! Postu mhuwiex il-Qorti, imma fil-Qorti hemm ħafna tgergir mill-Avukati tal-Istat fuq din is-sitwazzjoni.

Xtaqt niġbed l-attenzjoni wkoll għal-liġi li ġiet emendata darbtejn, dik dwar il-koabitazzjoni. Naħseb li bħala Ministeru għall-Ġustizzja hemm bżonn li jkollna liġi tajba dwar il-koabitazzjoni. Ma jistax ikun li jkollok liġi tal-koabitazzjoni li tfisser li dan qisu żwieġ. Mela jekk in-nies ma jridux jiżżewġu trid bilfors timponilhom li fil-koabitazzjoni tagħhom ikunu fiż-żwieġ? Ikollna ħafna nies li qed jgħixu flimkien li ma jridux jiżżewġu u ma jridux jirregolaw għax forsi raw il-ġenituri tagħhom jiġġieldu jew huma stess kellhom żweġijiet li għaddiehom minn imrar u ma jridux jerġgħu jagħmlu l-istess ħaġa. Għaliex

mhux regolat? Għandna sitwazzjoni ta' liġi tal-koabitazzjoni li titkellem fuq kulħadd barra dawk li huma verament koabitanti! Illum wasal iż-żmien li din is-sitwazzjoni tiġi regolata.

Irrid niġbed l-attenzjoni wkoll għall-mandati tas-sekwestru. Għandna sitwazzjoni li skont il-liġi l-ħaddiem għandu parti mis-salarju tiegħu li hija protetta. Qabel kont tirċievi ċ-ċekk tas-salarju li jagħtuhulek f'idejk jew l-imgħallem isarraflek is-salarju tiegħek u jagħtihulek f'pakkett. Niftakar meta kont żagħżugħ u kont naħdem ma' diversi persuni li kienu jimpjegawni fix-xogħol varju tiegħi, l-aktar ħaddiem baxx li kienu jimpjegaw kienu jsarrfulu wkoll il-paga. Illum din tidħollok direttament fil-bank u l-bank jgħidlek li dak m'għadux is-salarju tiegħek, dak issa kulħadd jista' jaqbeż fuqu!

Nafu b'diversi nies li qegħdin f'sitwazzjoni diffiċli. Hawn ġew ma jinstemgħux in-nies li għandhom id-dawl u l-ilma tagħhom maqtugħ, li qed ibatu biex jgħixu, li qed iduru fuq it-tfal tagħhom biex jgħixu. Hemm nies ta' ċerta età li qed ikollhom imorru jagħmlu part-time jobs biex ikunu jistgħu jgħixu. Dawn ma jinstemgħux, imma almenu nippretendu li d-dħul mix-xogħol li qed jagħmlu, mhux biss jidħol f'idejhom imma jkunu jistgħu jagħmlu użu minnu. Nafu b'diversi sitwazzjonijiet li n-nies jidħlu fihom. Pereżempju, jagħmlu kuntratt ma' kumpanija li tagħtik servizz bil-cable, u għax tiffirmah u wara ċertu żmien jibdew jgħoddulek u jitilgħu l-penali, imbagħad biex twaħħlu teħel mod, biex taqilgħu teħel mod ieħor, u l-povru jrid iħallas il-flus għax inkella jsir mandat ta' sekwestru l-Qorti fil-konfront tiegħu u jibqa' mwaħħal bih.

Wasal iż-żmien li nikkonsidraw dawn l-aspetti għal żewġ raġunijiet, Sur President. L-ewwel nett billi din iċ-ċirkostanza tiġi indirizzata b'liġi apposta li tagħmilha aktar ċara. Hemm żewġ sentenzi tal-Qorti li qalu l-kontra, li wieħed jgħid il-kontra. Hemm bank partikolari li qed jipprova jindirizza din is-sitwazzjoni, mhux se nsemmih biex ma noqgħodx nagħmel ir-reklami imma, min-naħa l-oħra, hemm bżonn li ngħollu l-limitu. Mela jista' jkun li nibqgħu bis-€700, illum, wara 30 sena?! Intellgħuha almenu €1,000 biex wieħed ikun jista' jgħid li minn dawn l-€1,000 li qed jirċievi għandu biex jgħix. Aħna hawn ġew din nibqgħu ma nifhmuhiex u nibqgħu ma nidħlux għaliha.

Għandek ukoll problema oħra marbuta mal-kwestjoni tal-appelli. L-emendi li saru fl-appelli m'iniex ferħan bihom. Din li fl-appell ma tistax tittratta, naħseb li għada pitgħada se jirriżultalna li kien żball. Din hija kwestjoni ta' strateġija fil-ġustizzja għax minflok morna biex innaqqsu l-karti fil-Qorti issa qed inżidu l-karti għax biex avukat jippreżenta l-appell tiegħu, li jħoss li saret inġustizzja fil-konfront tal-klijent tiegħu imma jaf li mhux se jinstema', irid jagħmel ħafna karti. Dalgħodu sejjer biex nippreżenta appell. B'żewġ faċċati stajt nagħmel il-punti u nittratta, imma minflok se nippreżenta appell ta' 16-il faċċata bil-biża' li xi mħallef fil-Qorti tal-Appell ma jaqrahx u allura trid toqgħod tiktibhomlu. Din mhux aktar burokrazija? Ma nistax nifhem kif qed immorru l-kontra ta' dak li jsir barra minn Malta li jagħmlu l-affarijiet b'aktar ħeffa.

Sur President, wieħed mis-sodisfazzjonijiet kbar tiegħi bħala Ministru kienet meta jgħiduli li daħlu kawżi ta' miljuni l-Qorti. Illum tisma' b'xi kawża tal-miljuni ħlief dik li ppreżenta l-Onor. Adrian Delia kontra l-konċessjoni tal-isptarijiet? Il-bqija hawn kwantitajiet kbar ta' każijiet ta' sitwazzjonijiet ta' ġlied, u barra minn Malta x'jippreferu? Jippreferu jmorru għall-arbitraġġi, jippreferu jmorru quddiem mediation houses, u aħna nitilfuhom minn taħt imneħirna! Din x'sitwazzjoni bla sens hi fil-konfront tagħna meta aħna suppost l-aktar nies avukati intelliġenti li jagħmlu l-affarijiet bl-ordni u bil-prestiġju? Jien dejjem kont kburi bil-fatt li jien avukat, naqbeż għan-nies l-aktar baxxi, għall-aktar batuti, dawk li m'għandhomx flus, dawk li ħaqqhom id-difiża, però għax jien avukat naħdem għall-verità, għall-ġustizzja u għall-paċi f'pajjiżna, u din hija xi ħaġa li ġiet fuq il-Ministru.

Jien dejjem qegħedt lili nnifsi għad-dispożizzjoni tal-Ministru. Hemm ħafna x'isir għax ix-xogħol hemm akkumula ġmielu. Il-Ministru qiegħed fuq il-quċċata ta' vulkan li qed jiżbroffa. Qegħduh hemm fuq bil-perikli kollha tal-iżbroff! Jien nappella lill-Ministru biex joqgħod attent. Mhux qed ngħidlu hekk f'sens ħażin, biex ma jifhimnix ħażin, imma ndur mal-Qorti u nisma' ħafna tgergir fuq il-Qorti. L-avukati jilmentaw u jgħidu fiex qegħdin u fejn sejrin! Jien nappella lill-Ministru biex joqgħod attent ħafna, ipoġġi bilqiegħda u jiddiskuti mal-Onor. Karol Aquilina li huwa l-kontroparti tiegħu.

(Interruzzjonijiet) Agħtini ċans ħalli nikkonkludi l-punt tiegħi. Fil-pożizzjoni tiegħek, trid kontroparti biex tiddiskuti miegħu. Jien nista' naħliflek li kont niġri wara l-kontroparti tiegħi biex jiġi l-uffiċċju tiegħi ħalli nispjegalu x'jien nagħmel u x'mhux qed nagħmel, u biex nispjegalu l-istrateġija wara l-inizjattivi u l-azzjonijiet li nkun qed nieħu u nipproponi.

Bħalissa m'għandniex strateġija fil-ġustizzja, Sur President. Lill-Ministru nappellalu: Daħħal strateġija! Intom għamiltu kompletament il-kontra ta' dak kollu li jien għamilt u llum qegħdin fejn intom qegħdin! Morru lura għaliha biex ikun hemm aktar loġika u sens. Infakkar lill-Ministru li fl-2003, meta lħaqt Ministru, bħala Segretarju Parlamentari kont diġà daħħalt l-ittri uffiċjali eżekuttivi, kont daħħalt il-medjazzjoni, kont diġà daħħalt l-arbitraġġ u kont diġà daħħalt numru ta' emendi biex jibdlu s-sistema legali fil-Qorti. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Eve Borg Bonello.

**ONOR. EVE BORG BONELLO:** Sur President, kieku kelli niġi quddiemkom u nkellimkom dwar pajjiż fejn l-Uffiċċju tal-Prosekuzzjoni jagħmel żbalji daqshekk gravi u grassi tant li l-kriminali jibqgħu jiġru barra, tgħiduli li dan huwa pajjiż tal-fantaxjenza jew pajjiż li qiegħed in-naħa l-oħra tad-dinja! Pajjiż li l-prosekuzzjoni u l-Eżekuttiv kważi kważi tista' tgħid li huma ħaġa waħda, pajjiż fejn in-nisa, anke wara mewthom, ma jarawx il-ġustizzja, aħseb u ara qabel! Pajjiż bl-agħar rata ta' deċiżjonijiet kontrih mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għandna aktar ksur tad-drittijiet tal-bniedem *per capita* minn pajjiżi bħar-Russja u t-Turkija.

Dan huwa pajjiż fejn in-nies jagħmlu 20 sena telgħin u niżlin il-Qorti u l-ebda prova ma tinġieb fil-konfront tagħhom. Dan huwa pajjiż li anke wara li tifel imut midfun taħt it-terrapien, l-awtoritajiet ma ridux inkjesta sabiex jaraw fejn kien hemm in-nuqqasijiet biex ma jmorrux jirfsu xi kallijiet.

Sur President, l-ordni ġudizzjarja ta' dan il-pajjiż qiegħda għarkopptejha, tibki għax m'għandhiex riżorsi. Dan huwa pajjiż fejn politiku qatt ma mar il-ħabs. Forsi tgħiduli li dak il-pajjiż mhuwiex demokratiku. Tgħiduli li dak il-pajjiż probabbilment huwa xi pajjiż tat-tielet dinja fuq in-naħa l-oħra tad-dinja, però m'iniex qed nirreferi għal pajjiż fuq in-naħa l-oħra tad-dinja imma qed nitkellem dwar Malta, pajjiżna.

Illum qed nitkellmu dwar il-ġustizzja u b'hekk ikolli nistaqsi: X'inhi l-ġustizzja? Il-ġustizzja li ddum aktar minn għaxar snin tistenna sakemm tkun taf jekk intix se tqatta' l-bqija ta' ħajtek il-ħabs? Il-ġustizzja hi li tistenna aktar minn għaxar snin biex tkun taf jekk il-persuna li qatlet lil bintek hijiex se tieħu dak li ħaqqha u tiffaċċja l-konsegwenzi ta' għemilha? Il-ġustizzja hi li tirrapporta lill-Pulizija li r-raġel tiegħek qed jheddek u qed tibża' għal ħajtek imma mbagħad taqla' tliet tiri f'wiċċek xorta waħda? Il-ġustizzja hi li missier jaqta' qalbu li qatt jerġa' jara lil uliedu jew jara lit-tfal tiegħu ftit sigħat fil-ġimgħa jekk ikollu x-xorti?

Platun, il-filosfu, jgħidilna li l-ġustizzja hija l-bilanċ u l-armonija, però nistaqsi: Fejn hemm il-bilanċ bejn l-att li tipprotesta biex tipproteġi l-ambjent u tiġi mkaxar għall-arrest? Fejn hi l-armonija bejn l-att li ttella' banner tistaqsi għall-ġustizzja għal sieħbek li miet midfun taħt it-terrapien u jiġbruk u jittrattawk ta' terrorist? Biex inkun onesta ma nafx liema kappell qed nilbes l-aktar bħalissa, jekk hux dak ta' deputat jew dak ta' studenta tal-liġi, għax bħala Deputat nisma' ħafna diskorsi hawn ġew dwar id-drittijiet, il-liġijiet u dwar x'inhu proporzjonali u ġust, imma hekk kif noħroġ mill-bieb tal-Parlament nidħol f'realtà differenti, nidħol f'dinja oħra.

Bħala studenta tal-liġi, fl-ewwel sena jgħallmuna dwar it-tliet fergħat tal-Istat, ir-relazzjoni bejniethom, l-obbligi tagħhom, kif jinżammu responsabbli għal għemilhom u dwar x'inhi s-saltna tad-dritt. Imma dak id-diskors, dak id-dibattitu jsir bis-serjetà u jittieħed bis-serjetà biss fuq il-bank tal-Università. Bħala studenta ħassejt l-obbligu li nipprotesta ma' sħabi meta nqatlet ġurnalista jew meta żagħżugħ tamparna miet u l-Prim Ministru daħal fil-Parlament u pprova jdawwar il-kliem u l-argumenti legali biex jiġġustifika l-fatt li, akkost ta' kollox, inkluż omm tibki quddiemu, ma riedx il-ġustizzja, ma riedx jiftaħ inkjesta pubblika.

Rigward l-istat tal-Qrati jinkwetani l-fatt li ma' kull ġenerazzjoni ta' avukati u ta' studenti tal-liġi li jiggradwaw u jsiru avukati, l-avukati tal-Qrati qed isiru razza estinta. L-Università ta' Malta tipproduċi 'l fuq minn 100 avukat f'sena. Għalfejn kważi ħadd minnhom ma jrid imur

jaħdem fil-Qrati? Fejn hi Malta ġusta li tant jifirħu biha fir-reklamar fuq *Youtube* u l-billboards? Malta ġusta meta sena wara l-qtil ta' Bernice Cilia, magħrufa bħala Bernice Cassar, ma nbidel kważi xejn? Ma jaħsbux li hija ironika għall-aħħar li l-Prim Ministru joħroġ jiskuża ruħu imma xorta m'aħna naraw xejn konkret?

Il-Prim Ministru u l-Ministru għall-Ġustizzja jmisshom jiskużaw ruħhom mhux biss talli Bernice Cassar u Jean Paul Sofia u oħrajn bħalhom mietu minħabba l-inkompetenza tal-Istat imma wkoll għall-fatt li qrabathom iridu jdumu snin sħaħ jistennew li ssir ġustizzja magħhom. Dawn in-nies imutu darbtejn. Dawn in-nies imutu l-ewwel darba meta jinqatlu u jmutu t-tieni darba meta jkollhom idumu għexieren ta' snin jistennew li ssir il-ġustizzja magħhom, jekk qatt issir.

Apparti minn hekk, il-Qorti lanqas biss tingħata l-għodda sabiex tkun tista' tagħti tassew rimedju effiċjenti lil dawn in-nies. Kif trid li n-nies ikollhom fiduċja fil-Qrati tagħna jekk ma jarawx il-ġustizzja ssir? Biex ikun hemm kredibilità fis-sistema ġudizzjarja tagħna, il-ġustizzja mhux biss trid issir imma trid tidher li ssir. B'hekk nistenna li l-apoloġija li jmiss tkun lejn il-Qrati, fost affarijiet oħra għan-nuqqas ta' riżorsi, għall-pressjoni mhux mistħoqqa f'diversi każijiet u talli ftit ġimgħat ilu l-Prim Ministru neżża' lill-Qorti mill-integrità tagħha meta insinwa li l-Qorti mhijiex indipendenti u imparzjali meta jaf ben tajjeb li l-Qorti ma tistax tirrispondi għal dawn il-kummenti.

Il-Qorti għandha tkun mezz li biha l-ġustizzja tiġi mħaddma. Imma kif tridu li jkun hemm dan jekk lanqas biss tingħata l-għodda biex taħdem? L-ewwel nett, irid ikun hemm aktar membri tal-Ġudikatura. Għandna wieħed mill-inqas membri tal-Ġudikatura *per capita* speċjalment meta tikkonsidra li l-popolazzjoni qed tikber. It-tieni, hemm bżonn ta' aktar spazju u mhux sempliċement naraw fejn se nitfgħu aktar awli fil-binja li teżisti. Hemm bżonn ta' binja ġdida tal-Qrati kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex illum qabel għada.

Infakkar li l-binja tal-Qorti ta' Għawdex hija kkundannata. Din hija urġenti, jiġifieri mhux indumu 20 sena sakemm nesegwixxu din it-talba. It-tielet, il-Ġudikatura, speċjalment il-Qrati Inferjuri li jistgħu jagħtu sa 40 sena ħabs li mhumiex ftit, m'għandhomx staff biżżejjed. Il-proposta tal-kumpilazzjonijiet u r-rinviji li saret aktar kmieni din is-sena mhijiex biżżejjed għax tindirizza s-sintomu tal-problema u mhux il-problema nnifisha. Jekk tkompli tkabbar il-kompetenza tal-maġistrati kultant snin mingħajr tibdila amministrattiva, dawn se jkomplu jegħrqu.

Għalhekk, qabel ma tiġi implimentata riforma fil-proċedura jrid ikun hemm tibdil sostanzjali fl-affarijiet bażiċi. Ħafna minnhom lanqas ġurista biex jgħinhom jiktbu s-sentenzi m'għandhom. B'dawn in-nuqqasijiet kollha huwa miraklu li s-sistema ġudizzjarja tagħna ma kkrollatx għalkollox. Ftit ilu hekk stqarret l-Assoċjazzjoni tal-Ġudikatura u wisq nibża' li 'l hemm resqin. Dan mhuwiex kliem ġdid. L-istess diskors intqal mill-Imħallef Giovanni Bonello għaxar snin ilu u xorta għadna fl-istess sitwazzjoni.

Minkejja dawn il-problemi kollha li elenkajt, il-Gvern iddedika biss paġna waħda dwar ir-riformi fis-settur tal-ġustizzja. Dawn huma proposti tassew ġenerali li ma jwiegħdu xejn ġdid minn dak li ilhom jgħidu għal dawn l-aħħar għaxar snin; li nkomplu fuq il-proposta tal-kumpilazzjonijiet u r-rinviji, li jridu jagħmlu awli ġodda, li jżidu n-numru ta' seduti, reviżjoni fil-proċedura użata mill-Qorti tal-Familja u riforma fil-kamp tal-inkjesti maġisterjali. Il-Ministru għall-Ġustizzja qatt għamel konsultazzjoni fit-tul mal-Assoċjazzjoni tal-Ġudikatura?

Sur President, nixtieq nagħlaq dan id-diskors billi ngħid li qed niddedikah għal Bernice Cassar, għal Jean Paul Sofia u għal kull persuna oħra li mietet minħabba l-inkompetenza u n-nuqqasijiet tal-awtoritajiet u tal-Istat. Pajjiżna għandu d-demm fuq idejh, speċifikament kull persuna li setgħet tieħu deċiżjonijiet biex tagħmel differenza u ma ħadithomx. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onr. Claudette Buttigieg.

**ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG:** Sur President, illum se nagħmel diskors qasir. Ġieli tkellimt waqt id-diskussjoni dwar il-Baġit fuq dan is-settur, u dan nagħmlu mhux għax jien esperta legali, altru li m'iniex, imma nagħmlu mil-lat li nwassal il-messaġġ ta' dak li jħossu ħafna nies ġenerali meta titkellem fuq il-liġi. Inħoss li dan huwa Gvern li m'għandux aptit jiddefendi lill-ġurnalisti. M'għandux ir-rieda li

jgħaddi verament il-liġijiet li hemm bżonn f'dan il-pajjiż biex niddefendu lill-ġurnaliżmu u l-ġurnalisti. La m'hemmx interess li dan isir, m'hemmx interess li dan il-pilastru ewlieni f'pajjiżna, parti essenzjali minn pajjiż demokratiku, jissaħħaħ.

F'Ġunju tal-2022 il-Gvern kien ħatar kumitat biex janalizza s-sitwazzjoni tal-midja f'pajjiżna, kumitat ta' esperti dwar is-settur tal-midja. F'Ġunju 2022, il-kumitat kien ippreżenta rapport. Dak li qed ngħid irridu npoġġuh f'kontest ukoll. Kienet saret pressjoni enormi fuq is-saltna tad-dritt mhux biss mis-soċjetà ċivili f'pajjiżna imma wkoll minn organizzazzjonijiet internazzjonali li jirrappreżentaw lill-ġurnalisti. Dan il-kumitat għamel ir-rapport tiegħu, ressqu lill-Gvern u l-Gvern ġie f'din il-Kamra u ppreżenta sett ta' liġijiet. Mhux se noqgħod nidħol fid-dettall, imma jekk wieħed ifittex daqsxejn isib li l-aktar ħaġa komuni fil-kummenti kollha li saru fuq dawn il-liġijiet proposti mill-Gvern kienet li dan kien insult, li m'hemmx rieda li verament isiru l-affarijiet, u għalhekk f'Ottubru 2022 reġa' kien ħatar l-istess kumitat biex iressaq 'il quddiem dawn il-liġijiet, jara daqsxejn x'sar, x'ma sarx, fejn mhux qed isir qbil u kien hemm rapport ieħor dwar dan.

Fil-konklużjoni ta' dan ir-rapport, li ħareġ fl-24 ta' Lulju tal-2023, jiġifieri wara numru ta' laqgħat u diskussjonijiet, jgħid li riforma fil-midja sseħħ meta jkollna midja li huma aktar politikament u finanzjarjament indipendenti, aktar kontabbli, aktar demokratiċi u li jappellaw għal firxa akbar ta' nies. Pluraliżmu fil-midja ma jfissirx more of the same, imma jfisser li nilħqu aktar gruppi diversi fis-soċjetà. Id-diskussjoni bdiet iżda t-triq hija twila. Sal-lum għadna aktar 'il bogħod milli wieħed kien jistenna.

Ma rridx inkun personali imma onestament mill-Ministru preżenti stennejt aħjar f'dan ir-rigward għax hu, bħali, mess mal-midja u mal-ġurnaliżmu u allura stennejt li hu kien se jieħu din l-issue ħafna aktar bis-serjetà milli qed jeħodha. Dan ir-rapport isemmi areas li l-Gvern assolutament għadu m'għamel xejn dwarhom u nsemmi, pereżempju, il-leġiżlazzjoni dwar Strategic Lawsuits Against Public Participation (SLAPPs). Ħafna nies lanqas jafu eżattament xi tfisser SLAPP. Din hija protezzjoni minn kawżi li jsiru strateġikament kontra l-parteċipazzjoni pubblika. Dawn ma jsirux kontra ġurnalisti biss imma jsiru l-aktar kontra l-ġurnalisti. Fil-bidu ta' Novembru jien attendejt konferenza verament tajba b'mistiedna internazzjonali li kien jisimha "Silencing Freedom, Weaponizing the Law", li bil-Malti tiġi tradotta għal "Tissikket il-libertà, il-liġi tintuża bħala arma". F'din il-konferenza kien hemm diversi kelliema li ġibdu l-attenzjoni tal-persuni preżenti fuq is-sitwazzjoni mhux biss f'pajjiżna, biex inkun korretta, imma internazzjonalment fejn il-liġi qiegħda tintuża bħala arma kontra l-ġurnalisti u kontra l-libertà tal-espressjoni. Pereżempju, bħalissa l-Gvern fetaħ 40 kawża l-Qorti kontra t-talba għal-libertà tal-informazzjoni li għamel *The Shift News*.

Immaġina, 40 kawża, Sur President! Seta' faċilment għaqqadhom flimkien, imma le! X'inhi l-intenzjoni? Inti għandek newsroom żgħira bħal mhi *The Shift News* li hija xewka f'dan il-pajjiż, tniggeż lil kulħadd, u biex iġibha għarkopptejha l-Gvern fetħilha 40 kawża differenti! Tant l-argumenti huma simili li f'waħda mis-seduti, membru tal-Ġudikatura qalilhom: Jaqaw intom qed tqassmu l-affarijiet lil xulxin jew qed tagħmlu l-fotokopji?! Qalilhom: Għax kollha l-istess argumenti qegħdin ittellgħu, u dan hu ħela ta' ħin u ħela ta' riżorsi. L-intenzjoni hija li ġġib għarkopptejhom lill-ġurnalisti, li l-ġurnalisti jgħidulek li se joqogħdu attenti x'jiktbu għax inkella jispiċċaw b'dawn il-kawżi. Din is-sitwazzjoni hija komuni f'ħafna pajjiżi, imma aħna l-aktar li jimportana huwa minn pajjiżna.

Il-kollega tiegħi aktar kmieni semmiet il-każ ta' Bernice Cassar, u hawnhekk se nirreferi għal dokument li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra u allura m'għandix għalfejn nerġa' npoġġih. Fil-fatt jien stess kont tlabt li jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra, u qed nirreferi għar-rapport tal-inkjesta li għamel l-Imħallef irtirat Valenzia. Nirreferi għall-paġna 73 ta' dan ir-rapport dedikat għall-Qorti. Diġà ssemma mill-kollegi, imma jekk nisimgħu eżattament x'qal dan ir-rapport naħseb li nifhmu ftit aħjar is-sitwazzjoni x'inhi. F'din il-paġna ntqal:

> "Fil-Qorti jirriżulta li hemm maġistrat waħda li qed tisma' dawn il-każijiet kollha ta' vjolenza domestika, apparti xogħol ieħor li għandha. Dan qed iwassal biex dawn il-kawżi mhux qed jinstemgħu fi żmien raġunevoli. Appuntamenti ta' sentejn biex tibda tinstema' kawża mhux aċċettabbli meta jista' jkollok timebomb f'idejk ..."

> "In-nomina ta' maġistrat ieħor hu pass tajjeb imma mhux se jsolvi l-problema għalkollox. Kif iżżid il-maġistrati se jkun hemm bżonn ta' żieda min-naħa tal-Pulizija biex ilaħħqu mas-seduti. Irid ikun hemm aktar seduti fejn jinstemgħu kawżi ta' vjolenza domestika u jsir filtering tagħhom biex jinstemgħu skont l-importanza tagħhom.
>
> *Inoltre*, l-ammissjonijiet li jsiru quddiem il-Qorti għandhom jiġu eżaminati bir-reqqa u jekk hemm bżonn mhux fil-kurituri tal-Qorti meta jissejħu."

Dan ir-rapport jgħid ukoll:

> "Irid ikun hemm aktar kordinazzjoni bejn il-Qorti tal-Maġistrati li tisma' l-każijiet ta' vjolenza domestika u l-Qorti tal-Familja biex jiġu evitati sitwazzjonijiet bħal dik ta' Bernice Cassar fejn il-Qorti tal-Maġistrati tagħti protection order u l-Qorti tal-Familja tagħti tliet aċċessi fil-ġimgħa u anke sleepover lill-perpetrator."

Qrajt minn rapport li m'għandix dubju ħadd f'din il-Kamra mhu qed jiddubita lil min kitbu u l-intenzjonijiet warajh. Jien m'għandix dubju li anke min-naħa tal-Gvern din hija issue li jħoss li għandu jindirizza. Issa hija kwestjoni ta' speditezza, ta' kemm se nkunu effettivi f'dan il-pajjiż. Wara xi każ estrem ta' vjolenza domestika jiġu l-ġranet tal-attiviżmu bħalma għandna issa, fejn kollha kemm aħna nattendu u kollha kemm aħna nuru d-dispjaċir. Imma n-nies mhux dak biss iridu mingħandna imma jridu b'mod konkret jaraw li aħna qed nagħmlu xi ħaġa ġenwina.

Hemm ukoll il-każ Daphne Caruana Galizia fejn għandna diversi organizzazzjonijiet li ngħaqdu flimkien, uħud minnhom twieldu proprju wara l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, li l-messaġġ tagħhom huwa kontinwu u persistenti. Jiġifieri ma tistax tgħid li hija issue li ħarbitlek jew li nsejt jew li m'intix tara l-urġenza tagħha. L-urġenza qiegħda hemm, tgħajjatlek il-ħin kollu, u mhux biss minn pajjiżna imma, bħalma għedt fil-bidu, anke internazzjonalment. Jiġu delegazzjonijiet f'pajjiżna u jistaqsu affarijiet b'mod apert u qed jistennew li dan il-Gvern jieħu azzjoni.

Hawn nirrepeti li minn Ministru li kien hu stess fil-professjoni ta' ġurnalist kont nistenna l-ispeditezza, li l-affarijiet isiru ħafna aktar malajr. Nistenna li jkun hemm aktar sensittività f'dan ir-rigward, għax jekk ma jkunx hemm dan il-messaġġ, in-nies se jifhmu bil-kontra. In-nies se jifhmu li l-Gvern mhux m'għandux aptit jiddefendi lill-ġurnalisti imma ma jridx, u meta ma tridx tagħmel xi ħaġa tkun qed tistieden li jsiru affarijiet oħra, imma qed tibgħat messaġġ ikrah ħafna.

Ma ninsewx li l-konklużjonijiet tal-inkjesta Daphne Caruana Galizia poġġew responsabbiltà sħiħa fuq l-Istat, jiġifieri ejja ma nipprovawx naħarbu minn din ir-responsabbiltà. Aktar kmieni semmejt dak li ntqal fil-konferenza "Silencing Freedom, Weaponizing the Law". Huwa perikoluż immens li l-liġi qed tintuża bħala arma u l-ġurnalisti llum mhumiex isibu ħajt ta' kenn għax mhux qed ikollhom iċ-ċans biex ilaħħqu mal-ħidma tagħhom. Apparti l-pressjoni loġistika biex tagħmel dawn l-affarijiet kollha hemm ukoll il-pressjoni finanzjarja, u għalhekk qed taqta' qalb il-ġurnalisti milli jagħmlu dmirhom. Issa fl-aħħar mill-aħħar il-ġurnaliżmu huwa pilastru ewlieni tas-soċjetà tagħna.

Sur President, nagħlaq billi nappella bħalma għamlu l-kollegi tiegħi, biex dak li qed ngħidu f'din il-Kamra llum ma jaqax fuq widnejn torox. Dan il-pajjiż ħaqqu aħjar u jistenna ħafna aħjar. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin disponibbli għan-naħa tal-Oppożizzjoni. Issa l-ħin kollu li fadal huwa għan-naħa tal-Gvern. Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul.

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, smajt lill-kelliema tal-Oppożizzjoni jitkellmu fuq dan id-dekasteru tant sensittiv u ngħid li ninsab sorpriż kif ħadd minnhom ma ndenja ruħu jirringrazzja lill-ħaddiema, fosthom hawn preżenti li jaħdmu fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Jien ngħidilhom grazzi tax-xogħol li jagħmlu anke mingħajr ħafna fanfarunati. Bis-saħħa tagħhom l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tibqa' għaddejja.

Meta tisma' lill-kelliema tal-Oppożizzjoni taħseb li l-Qorti bdiet taħdem malli tela' Gvern Laburista. Qisna sirna nafu bil-Qorti meta tela' Gvern Laburista fl-2013. Fl-1994 jien dħalt l-ewwel darba fil-bini tal-Qorti bħala uffiċjal żagħżugħ tal-Korp tal-Pulizija, fl-2007 bdejt inservi ta' avukat nipprattika, u waqaft proprju meta ġejt appuntat Segretarju Parlamentari. Veru

hawn avukati faċċata tiegħi li ilhom aktar minni, imma naħseb li anke jien nista' naqsam xi ftit esperjenzi ta' x'sibt jien, dak iż-żmien taħt amministrazzjoni Nazzjonalista, meta bdejt nesperjenza l-Qorti. Hawnhekk għad hawn esponenti ta' dik l-amministrazzjoni u hemm oħrajn li mhux qegħdin f'din il-Kamra li jimmilitaw fl-establishment li tant iħabbtu fuq sidirhom dwar is-saltna tad-dritt, u għalhekk se naqsam magħkom xi ftit esperjenzi.

Dak iż-żmien kien hemm sitwazzjoni ta' maġistrati li llum irtiraw u ħafna minnhom għaddew għal ħajja aħjar li meta kont tidħol fl-awla tagħhom mhux seduta kont tisma' imma ssib farsa għaddejja. Nisimgħu wkoll b'affarijiet li ntqalu llum il-ġurnata li konna nesperjenzawhom dak iż-żmien. Niftakar maġistrat partikolari li llum ħalliena, li kif kont tidħol quddiemu kien jgħidlek bla mistħija ta' xejn quddiem awla nies li jekk il-klijent tiegħek jammetti jieħu l-libertà kondizzjonata, u jekk ma jammettix jirriskja li jieħu piena agħar minn dik. Imbagħad bdejna naraw diversi ċaqliq min-naħa tal-Ministri ta' dak iż-żmien biex jipprovaw jagħmlu xi riforma fil-ġustizzja wara l-kritika kontinwa li kien ikollhom dwar kif kienu jitmexxew il-Qrati dak iż-żmien. Hawn m'għandix dubju li dan se jkun qed jitkellem fuqu l-ħabib tiegħi l-Ministru għall-Ġustizzja.

Irrid ngħid ukoll li ħadt pjaċir nisma' lill-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici li qal li kien jagħmel ħiltu kollha biex jiltaqa' max-shadow minister għall-ġustizzja dak iż-żmien biex jiddiskuti, però taf ma' min ma kienx jiddiskuti? Ma' wieħed mill-esponenti tal-Partit Nazzjonalista, il-ħabib tiegħi l-Avukat Franco Debono, li tant tahom opportunitajiet biex jagħmlu riforma fil-qasam tal-ġustizzja. Fl-aħħar tad-diskors tiegħi se nkun qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra artiklu mill-ġurnal *The Times of Malta* ta' ftit ġranet ilu. Aħjar qalilna jekk kienx jiltaqa' mad-Deputat Franco Debono għax illum nirrealizzaw kemm l-Avukat Franco Debono hu moħħ legali kbir għar-riformi li kien ippropona snin ilu.

Hawnhekk jiġu jippontifikaw dwar kemm jirrispettaw il-qasam tal-ġustizzja, u hawn irrid nieħu spunt minn dak li ġara ftit ilu f'dak li għandu x'jaqsam mat-Tribunal Industrijali. Infetħet kawża minn eks deputati avukati tal-Partit Nazzjonalista fil-konfront personali ta' żewġ ġudikanti li jippresiedu t-Tribunal Industrijali. Bħala Gvern lil dawn tajniehom sostenn u hekk se nagħmlu ma' kull persuna li n-naħa l-oħra jipprovaw jintimidaw. Dawn jagħtu l-impressjoni li jirrispettaw il-ġustizzja imma kien il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-ewwel wieħed, li mar quddiem id-Depot tal-Pulizija jagħmel *Facebook* Live. Kien il-Kap tal-Oppożizzjoni li hawn barra ġie jgħajjat u jwerżaq kontra l-Istandards Commissioner. Kienu tan-naħa l-oħra wkoll li meta jagħti ruling l-Ispeaker li jkun ftit favurihom joħorġu jdoqqu t-trombi imma mbagħad kienu huma minn tal-ewwel li fl-ewwel seduta hawnhekk ivvotaw kontrih.

Irridu ngħidu x'sar fil-qasam tal-ġustizzja kemm ilu l-Partit Laburista fil-gvern. M'għandix dubju li l-kollegi tiegħi se jkunu qed jamplifikaw fuq x'liġijiet daħħalna u xi pjanijiet hemm għal dan is-settur, imma wieħed irid ifakkar kif kienu jsiru l-affarijiet qabel. Qabel kien iqum il-Prim Ministru filgħodu u jagħżel lil min irid hu bħala maġistrat jew bħala mħallef jew prim imħallef. Nafu min kien intgħażel u ma rridx noqgħod nidħol fid-dettall. Nafu x'kien jiġri dak iż-żmien anke rigward il-Kummissarju tal-Pulizija. L-istess, iqum il-Prim Ministru filgħodu u jagħżel lil min irid. Imbagħad, oħroġ il-għaġeb, l-akbar esponenti ta' kontra l-Gvern li saħansitra kienu jokkupaw karigi għoljin mhux biss f'pajjiżna imma anke barra, issibhom minn ta' quddiem nett biex jikkritikaw lill-Gvern meta huma stess kienu ġew appuntati b'dan il-mod. Imma f'25 sena dawn qatt ma ħarqithom qalbhom għall-mod kif kienu jsiru l-affarijiet.

Il-kollega tiegħi l-Onor. Aquilina donnu jixtieq li jkun hu l-Ministru għall-Ġustizzja għax jagħmlilna mozzjoni wara l-oħra u qisu jissuġġerixxi li għandu jkun hu li jippresiedi dan il-kumitat tal-ġustizzja u jisma' li jrid hu u jiddeċiedi li jrid hu, imma d-demokrazija tmur *oltre* minn hekk. Il-ħabib tiegħi l-Onor. Aquilina ngħidlu li biex isir Ministru għall-Ġustizzja l-ewwel irid jirbaħ l-elezzjoni l-Partit Nazzjonalista, imbagħad irid jiġi elett, imbagħad min ikun Kap tal-Partit Nazzjonalista dak iż-żmien - u naħseb ikun il-ħames wieħed sakemm indumu aħna fil-gvern - irid ikollu fiduċja fih biex jeleġġih bħala Ministru.

Il-ħabib tiegħi l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici mbagħad semma l-ittra uffiċjali. It-teżi tad-dottorat kont għamiltha fuq ir-riformi li kienu saru fil-mandati, jiġifieri naf ben tajjeb x'qed jgħid, imma *oltre* minn hekk, ma nistax niftakar ħlief il-Qorti tal-Familja. Dak iż-żmien il-Qorti

tal-Familja meta inawgurawha kienet tkun mimlija nies. Biex nagħmlu seduta lanqas konna nkunu nistgħu ngħaddu mit-taraġ it-Tnejn filgħodu bin-nies li kien ikun hemm. Inkunu qed nagħmlu medjazzjoni u jiġi s-security iħabbatlek mal-bieb għax il-partitions bejn il-kmamar huma bil-gypsum board u lanqas soundproofing m'għandhom. Dan barra li r-reġistru fit-tieni sular kien qisu gallinar tal-ħamiem! Dik kienet il-Qorti tal-Familja dak iż-żmien.

Sur President, meta nitkellmu rridu nkunu ftit kredibbli għax mhux billi niġu hawn u nikkritikaw. L-Onor. Aquilina semma l-issue tal-iffriżar tal-assi. Nistaqsih: Din iddiskutejtha ma' sħabek fil-Grupp Parlamentari? Aħna għandna informazzjoni li fil-privat l-avukati sħabu qed jitkellmu favuriha u jidher li hu biss f'din il-Kamra ġie jitkellem kontriha. Issa naraw aktar 'il quddiem meta niġu biex niddiskutu u niġu għas-*si* u n-*no* x'se jgħidu sħabu l-avukati li jaħdmu fil-Kriminal. Imma mill-espressjoni tiegħu jidher li din għadu ma ddiskutihiex fil-grupp parlamentari. Jidher li għaġġel xi ftit.

Il-kollega tiegħi l-Onor. Claudette Buttigieg semmiet ukoll il-mod kif legalment jinkwadraw ruħhom il-ġurnalisti. Infakkar lill-Onor. Buttigieg li konna aħna bħala Gvern li neħħejna l-libell kriminali. Dwar meta wieħed irid jirrispetta l-istituzzjonijiet se nerġa' mmur lura lejn dak li semmejt dwar il-ġudikanti li jippresiedu t-Tribunal Industrijali. Minn banda nitkellmu mod u mbagħad, meta jaqblilna, nitkellmu mod ieħor. Aħna ngħidu li l-ġustizzja mhijiex biss fil-Qrati ta' Triq ir-Repubblika imma aħna nemmnu f'ġustizzja ħolistika.

Fil-ftit ħin li baqagħli għad-dispożizzjoni tiegħi se nsemmi xi fatti li jitkellmu waħedhom, għaliex inutli niġu f'din il-Kamra u nippontifikaw. Konna aħna bħala Gvern li neħħejna l-preskrizzjoni minn fuq atti ta' korruzzjoni li jagħmlu l-politiċi. F'25 sena ta' Gvern Nazzjonalista l-*modus operandi* kien li niddiskutu, nagħmlu r-rapporti u ma naslu mkien. L-istess bħalma għamlu fuq il-Liġi tal-Koabitazzjoni, fejn għamlu 20 sena jiddiskutu l-Liġi tal-Koabitazzjoni imma kien dan il-Gvern li daħħalha fis-seħħ. Kien dan il-Gvern li waqqaf il-Judicial Appointments Committee biex jinħatru l-membri tal-Ġudikatura. Dan il-Gvern saħħaħ ukoll l-operat tal-FIAU. Dan qed ngħidu għaliex ilbieraħ waqt dibattitu dwar dekasteru ieħor xi ħadd min-naħa l-oħra tal-Kamra għamel rimarka li kien Gvern Nazzjonalista li waqqaf dik l-entità u l-oħra. Huwa faċli li twaqqaf entità, ma tridx tkun xi espert fir-rocket science biex twaqqaf entità, imma l-entità, kif se jispjega l-Ministru għall-Ġustizzja, trid tlaħħamha bl-operat u bis-sistema amministrattiva biex taħdem. Konna aħna bħala Gvern li sseparajna l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat biex noħolqu l-pjattaforma biex jaħdmu f'aktar armonija.

Sur President, nikkonkludi dan id-diskors billi ngħid li dan kien Gvern li ma ddejjaq xejn jieħu deċiżjonijiet li ma kinux populisti biex insaħħu l-qasam tal-ġustizzja b'mod ħolistiku f'pajjiżna, anke billi introduċejna liġijiet li n-naħa l-oħra tal-Kamra mhux talli lanqas kienu joħolmu li jdaħħluhom fis-seħħ, imma lanqas kienu jażżardaw jiddiskutuhom fl-organizzazzjoni interna tagħhom għaliex huma ovvjament partit konservattiv. Meta nitkellmu dwar ġustizzja rridu nitkellmu dwar ġustizzja ħolistika li tmiss il-Qrati tagħna u m'għandix dubju li dwar dan se jamplifika kemm il-Ministru kif ukoll il-kollega tiegħi l-Onor. Amanda Spiteri Grech. (Interruzzjonijiet)

Onor. Aquilina, ma niddejjaq xejn inkun side-kick mhux biss għall-Ministru tal-Ġustizzja, imma wkoll għal sħabi kollha għaliex aħna nemmnu fil-kolleġġjalità. Aħna mhux bħalkom, taħdmu b'mod individwali u bil-fazzjonijiet. (Onor. Membri: Hear, hear) (Interruzzjonijiet) Onor. Aquilina, qabel nikkonkludi dan id-diskors nixtieqek tgħidilna jekk din il-liġi li ġiet ippubblikata ddiskutejthiex ma' sħabek fil-grupp parlamentari qabel ġejt f'din il-Kamra tiddikjara ruħek kontriha.

Fl-aħħar nett, Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Artiklu bl-isem 'Birth of holistic justice reform' li deher fuq il-ġurnal *Times of Malta* tal-11 ta' Novembru 2023.

Grazzi.

**IĊ-CHAIRPERSON:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Amanda Spiteri Grech.

**ONOR. AMANDA SPITERI GRECH:** Sur President, il-Ministeru għall-Ġustizzja huwa Ministeru li fi ħdanu għandu ħaddiema dedikati ħafna u ta' dan inroddulhom ħajr għaliex permezz tagħhom inkunu nistgħu mmexxu lil pajjiżna 'l

quddiem. Huwa permezz ta' dawn il-ħaddiema u d-dedikazzjoni tagħhom li nkunu nistgħu nimxu 'l quddiem b'effiċjenza. Il-qasam tal-ġustizzja f'pajjiż għandu importanza ewlenija u wara dak li smajna dalgħodu min-naħa l-oħra tal-Kamra kif ukoll mill-kollega tiegħi l-Onor. Andy Ellul li tkellem dwar il-kisbiet li għamel pajjiżna f'dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam, xtaqt nagħmel elenku tal-kisbiet li dan il-Gvern wettaq għal ġustizzja aħjar.

Nixtieq nieħu din l-opportunità biex l-ewwel nett insemmi l-liġi dwar il-femiċidju. Malta saret it-tieni pajjiż fl-Ewropa li introduċiet din il-liġi fejn daħlet dispożizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li tiddefinixxi meta l-omiċidju volontarju jew inkella attentat ta' omiċidju volontarju jkun jammonta għal femiċidju. Irrid ngħid ukoll li f'Ġunju tal-2022 kien hemm ftehim importanti li bbenefikaw minnu aktar minn 400 ħaddiem, għaliex inti trid iżżomm bilanċ fejn fuq naħa għandek il-liġi u fuq naħa trid tara li lill-ħaddiema tagħtihom l-għodda u l-motivazzjoni kollha. Kien hemm ukoll żieda fil-Ġudikatura. In-naħa l-oħra tal-Kamra semmiet li hemm bżonn Ġudikatura akbar. Titbissem, imma fil-verità nafu li l-Ministeru tal-Ġustizzja kien proattiv u mill-ewwel iddikjara u ra kif għamel biex ikollna aktar maġistrati u mħallfin.

F'Ottubru tkellimna dwar liġi oħra importanti li ħafna jafuha liġi li tittratta s-self-harm. Daħħalna liġi li tħares is-sospensjoni għat-termini tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest f'każ li l-akkużat deliberatament iwaqqaf is-smigħ tal-kawża billi jikkaġuna ħsara lilu nnifsu. Dawn ġraw, però kien dan il-Gvern li waqqafhom dawn. F'każ li kawża tkun ġiet appuntata għas-smigħ ma tkunx tista' tinstema' għal raġuni attribwibbli esklużivament lil xi wieħed jew aktar mill-akkużi, din titkompla. Għamilna wkoll riforma fil-qasam tal-kiri tar-raba'. Kif nafu, irridu nindokraw lill-bidwi kif ukoll lil dawk kollha li jaħdmu l-art u jingħata lok biex jitħallas ammont ta' kera għar-raba' li jkun iżjed proporzjonat għall-valur tar-raba'. L-iskop tal-liġi kien li tiġi protetta l-attività agrikola mill-ispekulazzjoni. Din kienet kisba oħra importanti ta' dan il-Gvern. Kien hemm ukoll ftuħ ta' uffiċini tal-Qorti. Fil-fatt tħabbret żieda ta' uffiċini ġodda fil-Ġudikatura u ta' ħaddiema fil-binja tal-Qorti.

Ma nistax ma nsemmix ukoll il-preliminary market consultation fil-Qorti ta' Għawdex, fejn ġiet ippubblikata konsultazzjoni preliminari tas-suq għall-binja l-ġdida fil-Qorti ta' Għawdex, l-iffirmar tal-ewwel ftehim kollettiv tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali li assigura s-sostenn meħtieġ lil din l-istituzzjoni biex il-professjonisti legali li jaħdmu mal-Avukat Ġenerali jkunu jistgħu jaqdu dmirhom bl-aqwa mod possibbli.

Tkellimna wkoll dwar riformi li huma ħafna għal qalbi. Jien f'din il-Kamra kont tkellimt dwar il-pensjonijiet. Daħħalna fis-seħħ mekkaniżmu li jipprovdi għal trasferiment ta' kontribuzzjoni tal-pensjoni jew tas-sigurtà soċjali bejn il-miżżewġin. X'qed ngħidu hawnhekk? Ejja ngħidu li għandek koppja li se jibdew proċeduri ta' separazzjoni u jkunu waslu lejn l-età pensjonabbli. Fuq naħa kien ikollok persuna li dejjem ħadmet, normalment kien ikun ir-raġel, u fuq in-naħa l-oħra l-mara.

Ejja ma ninsewx li kien hawn żmien f'pajjiżna li kważi kien sagrileġġ li l-mara taħdem u rridu nkunu aħna li naraw li nipproteġu lil dawn in-nies li tant qattgħu ħin id-dar. Mhuwiex sew li bis-separazzjoni persuna jkollha l-pensjoni sħiħa u n-naħa l-oħra tispiċċa lampa stampa. Din is-sitwazzjoni l-Gvern ħaseb għaliha wkoll għaliex, ngħiduha kif inhi, il-mara kkontribwixxiet ukoll biex ikollha sehem minn dik il-pensjoni. Irid jingħata digriet tal-Qorti f'każijiet ta' separazzjoni fejn hemmhekk il-Gvern ħaseb ukoll, u dan qegħdin nagħmluh partikolarment biex ikun hawn ġustizzja.

Insemmi wkoll ir-riformi tal-kumpilazzjonijiet u r-rinviji. Se jkunu analizzati r-rakkomandazzjonijiet u l-ħsebijiet li tressqu għall-konsultazzjoni pubblika għaliex aħna nemmnu fil-konsultazzjoni pubblika. Il-kollega tiegħi l-Ministru jisma' lin-nies u nagħmlu r-riformi meħtieġa.

Matul din il-ġimgħa smajna dwar numru ta' liġijiet, inkluż dik relatata mal-ħasil ta' flus u ffriżar tal-assi. Jekk wieħed jistaqsi dwar dan lill-avukati ssib li dan huwa sentiment li jinħass li huwa bżonn. Sur President, bħala Gvern qed nibagħtu sinjal b'saħħtu li dan is-settur mhuwiex qed jitwarrab. Se nibqgħu naħdmu biex fuq nett tal-aġenda nibqgħu nagħmlu riformi mill-aktar importanti.

Sur President, ippermettili nitkellem dwar xi ħaġa li nixtieq nara f'dan il-qasam. Nixtieq nara li forsi nibdew niddiskutu l-mod kif in-notifiki jsiru f'pajjiżna, għaliex ilkoll nafu li f'ċerti każijiet qed ikun diffiċli biex wieħed jinnotifika lill-parti

l-oħra. Ħafna tentattivi jispiċċaw inutli u jsiru għalxejn, u allura ma jkunx hemm il-perkors tal-ġustizzja ma' dik in-naħa. Għaldaqstant nissuġġerixxi biex tibda diskussjoni fil-qasam b'rabta man-notifiki.

Nixtieq nitkellem ukoll dwar il-mandat ta' sekwestru. Jekk jien għamilt mandat ta' sekwestru u tħallas, għaliex ma niddiskutux ukoll li ladarba tħallas għandu jaqa' awtomatikament? Qed nitkellem b'mod partikolari dwar każi fejn ikun hemm il-banek involuti, ikun hemm il-ħlas, u għal raġuni jew oħra dawn idumu biex jirrispondu biex iwaqqgħu l-mandat u l-persuna tkompli tbati wara li din tkun ħallset.

Sur President, irrid nitkellem ukoll dwar il-Qorti tal-Familja. Naf li fil-qosor, però dawn huma punti għal qalbi ħafna, speċjalment fejn tidħol il-Qorti tal-Familja fi stadju ta' medjazzjoni. Xi kultant ċerti koppji jkollhom aspettattivi frivoli ħafna bejniethom u normalment jispiċċaw ibatu t-tfal għaliex jispiċċaw ballun. Nemmen li huwa tajjeb li forsi jidħol l-imħallef fi stadju bikri ħafna qabel il-medjazzjoni biex ċerti aspettattivi u stennija min-naħa tal-ġenituri li huma frivoli jitwarrbu kompletament u naraw dak li hu kontenzjuż fil-verità. Inħoss li dan huwa importanti ħafna.

Sur President, l-isfidi qegħdin hemmhekk u aħna ma nibżgħux mill-isfidi. Aħna rridu nibqgħu naħdmu għaliex qalbna qiegħda hemmhekk u se nibqgħu naħdmu għall-ġid tal-poplu u ta' pajjiżna. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON (Onor. Michael Farrugia):** Aktar rimarki? Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, nirringrazzja lill-kelliema kollha li pparteċipaw f'din id-diskussjoni. Kif inhu mistenni minni, fil-ħin li ġej se nkun qiegħed nispjega l-ħidma li wettaqna, il-ħidma li qed titwettaq u dik li se tkun qed titwettaq fiż-żmien li ġej fis-settur tal-ġustizzja biex nassiguraw ġustizzja dejjem aktar effiċjenti.

Nibda billi nirreferi għad-diskors tax-shadow minister tal-Oppożizzjoni li beda billi talab ir-riżenja tiegħi. Jien b'differenza ngħidlu li m'iniex se nitlob ir-riżenja tiegħu anzi jien inħares 'il quddiem li jibqa' fil-Parlament għaliex moralment konvint li hija l-aqwa garanzija tas-suċċess tal-Partit Laburista fil-gvern! (Onor. Membri: Hear, hear) L-arroganza tiegħu ġiet irreġistrata f'elezzjoni wara l-oħra mill-elettorat Malti u l-arroganza tiegħu hi dik li ta' kuljum tagħtina l-enerġija biex inqumu u naħdmu lejn Malta aktar ġusta.

Skont hu jien l-ewwel Ministru tal-Ġustizzja li rċevejt xi kummenti pubbliċi mill-Membri tal-Ġudikatura u ma nafx x'ma semmiex. Ladarba kkwota, tajjeb li nitilqu wkoll dwar x'kienet is-sitwazzjoni matul is-snin fis-settur tal-ġustizzja, u hawn se mmur lura għas-sena 1999. F'dik is-sena fil-ġurnal *The Sunday Times,* f'ittra miftuħa, dak iż-żmien lill-Ministru Austin Gatt jgħidulu hekk:

> "Successive Ministers of Justice had grappled with the problem with practically no result. The problem has been escalating for the last 40 years and today it has become unacceptable."

Aktar tard fl-2003 jingħad kif ġej:

> "Courts should remain focused on increased efficiency."

Qed jagħmlu referenza għad-diskors tal-Prim Imħallef Vincent De Gaetano. Tliet snin wara, l-istess Prim Imħallef ta' dak iż-żmien qal hekk:

> "Overloaded judiciary deserve help not criticism, Chief Justice."

Dan għax minflok ipprovaw, kif nagħmlu aħna, jiddjalogaw biex isibu s-soluzzjonijiet, dak iż-żmien spiċċaw jattakkaw lill-Ġudikatura biex jattribwixxu lilhom esklużivament il-problemi li kien hemm fis-settur tal-ġustizzja.

Fl-2006 ingħad hekk:

> "More judges, magistrates needed, says Chief Justice."

Din hija karba tal-Ġudikatura ta' dak iż-żmien biex ikun hemm żieda fil-Ġudikatura, dik li essenzjalment għamilna aħna fil-Gvern mingħajr ebda preċedent.

Imbagħad immur għas-sena 2010 fejn ingħad hekk:

"Justice delayed remains justice denied."

Hawnhekk qed jagħmlu referenza għad-diskors li kien għamel l-Imħallef Joe Galea Debono dwar dawn ir-realtajiet gravi li kien hemm fis-settur tal-ġustizzja.

B'kull dovut rispett, jien niddejjaq nirreferi għal dawn is-sitwazzjonijiet li kien hawn fil-pajjiż fi żmien Gvernijiet Nazzjonalisti. Infakkar ukoll li l-uniku Ministru tal-Ġustizzja li ġie sfiduċjat minn dan il-Parlament kien il-Ministru tal-Ġustizzja tal-Partit Nazzjonalista. Sinċerament ma xtaqtx nirreferi għal dan l-akkadut, imma bir-rispett kollu ma jiġix f'din il-Kamra l-kelliem tal-Oppożizzjoni jpinġi li jien b'xi mod jew ieħor xi diżgrazzja għas-settur tal-ġustizzja meta fuq il-bankijiet tal-Oppożizzjoni kien hemm Ministru li ġie sfiduċjat! Jien għandi kull rispett lejn l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici mhux biss bħala Membru ta' din il-Kamra imma anke fuq livell personali, għaliex kien lettur dedikat ħafna fl-Università ta' Malta, għallem diversi studenti, inkluż lili l-ewwel wieħed. Però bir-rispett kollu d-diċenza titlob mod ieħor.

L-Onor. Aquilina jipprova dejjem jimpressjona u din id-darba qal li jien ħaqqni €3 salarju. Taf x'inhi d-differenza? Li l-kollegi tiegħu, inkluż dak li ġie sfiduċjat fi żmien Gvern Nazzjonalista li kien Ministru tal-Ġustizzja, mhux €3 salarju ħadu, imma ħadu €500 żieda fil-ġimgħa minn wara dahar kulħadd. Dik imissu jgħid! (Onor. Membri: Hear, hear)

Irrefera għall-Abbozz ta' Liġi relatat mar-rikavat mill-kriminalità li tajt press briefing dwaru. B'xi mod jew ieħor qed jattribwixxi li ġejt ngħaġġel b'dan l-Abbozz ta' Liġi. Apparti l-fatt li huwa fattwalment skorrett għaliex il-pronunzjament tal-Qrati tagħna f'dan ir-rigward imur lura aktar minn sena u l-ħidma tiegħi bdiet mill-ewwel biex nassiguraw li jkollna liġi li tassigura aktar għodda effettiva f'idejn l-istituzzjonijiet tagħna, imma wkoll li tkun liġi li tirrispekkja l-prinċipju tal-proporzjonalità. Fuq dan ikolli ċans nitkellem aktar tard.

Però hawn nistaqsi lill-kelliem tal-Oppożizzjoni: Meta se jiġi fil-Kumitat Parlamentari biex niddiskutu liġi importantissima għall-ġlieda kontra l-kriminalità li pproponejna aħna, li nestendu t-48 siegħa arrest biex il-pulizija eżekuttiva tagħna jkollhom aktar għodda biex jinvestigaw il-kriminalità f'ċirkostanzi ta' reati gravissimi? Jien ġejt f'din il-Kamra nippreżenta dan l-Abbozz ta' Liġi imma għandi bżonn l-Oppożizzjoni miegħi għaliex dan jinvolvi emendi Kostituzzjonali. Kieku m'hemmx involuti emendi Kostituzzjonali nserraħlu moħħu li m'għandi bżonn l-ebda appoġġ tiegħu u nibqa' miexi. Imma dan l-Abbozz ta' Liġi jirrikjedi l-appoġġ tal-Oppożizzjoni.

Dan huwa Abbozz ta' Liġi importantissimu u minħabba l-konfużjoni li għandhom fil-grupp parlamentari dwar dan is-suġġett, dan għadu pendenti sal-lum. Jien ktibtlu qabel is-sajf bl-emendi proposti fejn se nieħu inkonsiderazzjoni diversi aspetti ta' drittijiet fundamentali u għadu ma ġiex lura. (Interruzzjonijiet) Ħalli naraw x'inhu l-point of order. Se nibdew bl-interruzzjonijiet. Għamel siegħa jitkellem waħdu dan!

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Ministru, ippermettili ftit, jekk jogħġbok. Qed nassumi li għandna point of order u mhux point of information. L-Onor. Karol Aquilina.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Il-Ministru huwa skorrett. Jien informajt lill-Ministru verbalment li meta jrid isejjaħ il-Kumitat u aħna mmorru u naqblu dwar dan l-Abbozz ta' Liġi u mmexxu.

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Għall-korrettezza, ma kien hemm l-ebda stedina min-naħa tal-Oppożizzjoni biex inlaqqgħu l-Kumitat. Fattwalment huwa skorrett hu. L-Onor. Aquilina mhux qed jgħid il-verità. Jien ktibtlu għaliex l-affarijiet hekk imorru, ipproponejtlu l-emendi, u qatt ma ġie lura jgħidli biex immexxu bil-Kumitat. Dik hija r-realtà. (Interruzzjonijiet)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Ministru, ippermettili ftit, jekk jogħġbok, għaliex hawn point of order ieħor. L-Onor. Karol Aquilina.

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Ftit tal-ġimgħat ilu kellimt lill-Ministru u għedtlu biex jgħidli meta se nlaqqgħu l-Kumitat. Jekk trid naqbdu u nlaqqgħuh. Jekk trid nagħmluh nhar it-Tlieta, nhar l-Erbgħa, meta trid. Tridx nagħmluh għada stess?

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Jien inzertajt iċ-Chairperson tal-Kumitat. Fil-każ kulma tridu

tagħmlu hu li tavżawni u jien inlaqqa' l-Kumitat immedjatament.

Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nikkonferma li din hija l-ewwel darba li smajt id-dispożizzjoni tal-Oppożizzjoni biex nipproċedu dwar din ir-riforma importantissima li ressaq dan il-Gvern. Meta tisma' lill-kelliema tal-Oppożizzjoni tinduna x'konfużjoni għandhom anke fuq dan is-settur. Tismagħhom jitkellmu b'mod kontradittorju għall-aħħar anke dwar riformi li saru. Ix-shadow minister tal-Oppożizzjoni jgħid li kienet riforma tajba fis-settur tal-appelli, u l-kelliem l-ieħor, deputat kollega bħalu, jgħid li hu għandu d-dubji tiegħu. Wieħed jgħid li rridu aktar membri tal-Ġudikatura u l-ieħor jgħid li ż-żieda fil-membri tal-Ġudikatura mhijiex soluzzjoni! Jien ngħidilhom li l-ewwel ħaġa li għandhom jagħmlu hi li jiddeċiedu xi jridu. Aħna, bir-rispett kollu, irrispettivament mid-deċiżjoni tagħhom, qegħdin hawnhekk biex nieħdu d-deċiżjonijiet. Konsistentement dejjem hekk għamilna u hekk se nkomplu nagħmlu, nieħdu d-deċiżjonijiet!

Qed nindirizza dawn il-punti biex imbagħad niffoka fuq il-pjan ta' ħidma tal-Ministeru. Saret ukoll referenza għar-riforma fil-midja. Dwar ir-riforma fil-midja aħna ħtarna kumitat ta' esperti, ippreparajna r-rapport u ġejt f'din il-Kamra fl-ewwel okkażjoni li kelli fejn ressaqt tliet Abbozzi ta' Liġi importanti ħafna biex nassiguraw it-tisħiħ tal-ġurnaliżmu f'pajjiżna, inkluż dispożizzjonijiet bla preċedent, li l-ebda pajjiż ieħor m'għandu, kontra s-SLAPP. Intlabna aktar konsultazzjoni u morna għal aktar konsultazzjoni mal-istess kumitat ta' esperti li organizza attivitajiet pubbliċi, ikkonsulta aktar fid-dettall, u qabel is-sajf ġie bir-rapport. Meta konna se nagħmlu pass 'il quddiem, kien hemm min talab aktar konsultazzjoni pubblika.

Jekk hawn xi ħadd li qed jittratjeni dwar dawn il-liġijiet huma l-istess stakeholders li minn ħin għall-ieħor qegħdin jitolbu dejjem għal aktar konsultazzjoni. Jien m'għandi l-ebda oġġezzjoni, anzi nħares 'il quddiem lejn aktar konsultazzjoni pubblika, għax ta' min jisma' x'qed jgħidu n-nies ukoll dwar dan is-suġġett. Ħafna drabi smajna l-istakeholders, u għalhekk tajjeb li naraw in-nies ġenerali, partikolarment dawk li huma mġarrbin minn ċertu ġurnaliżmu, jekk humiex sodisfatti b'ċerti riformi li qed nipproponu u nressqu 'l quddiem biex kulħadd ikun f'pożizzjoni li jesprimi l-veduti tiegħu.

Irrid ngħid ukoll li dwar il-kwestjonijiet tas-SLAPP aħna konna attivi ħafna anke fuq livell Ewropew, inkluż fuq livell tal-Kunsill tal-Ministri tal-Kummissjoni Ewropea fejn l-appell tiegħi kien wieħed konsistenti; li mmorru għal riforma sinifikanti, 'a bold reform in this particular sector'. Tkellimt ukoll mal-familjari tas-Sinjura Caruana Galizia f'dan ir-rigward u tkellimt ukoll mal-Għaqda tal-Ġurnalisti u għedtilhom x'inhi l-pożizzjoni li qed nieħdu biex ikun hemm deċiżjonijiet li finalment ikunu sinifikanti f'dan is-settur. Dan qed ngħidu b'kull rispett lejn il-kollega tiegħi tan-naħa tal-Oppożizzjoni li tkellmet bħal donnu m'għandniex interess dwar dan is-suġġett. Ngħidilha li ma tafx totalment x'inhu jiġri u x'qed nagħmlu biex nilħqu l-għan ta' kulħadd li nassiguraw li jkollna dan il-pilastru tad-demokrazija aktar effettiv u b'saħħtu f'pajjiżna.

Nixtieq issa niffoka dwar il-ħidma tagħna bħala Ministeru. Il-Baġit "Malta Ġusta" qed ikompli jinvesti fis-settur tal-ġustizzja f'pajjiżna biex tkompli l-ħidma tagħna lejn ġustizzja effiċjenti. Fid-diskors tiegħi s-sena li għaddiet dwar il-Baġit għamilt mistoqsija: Hemm sfidi fis-settur tal-ġustizzja? Ir-risposta għal din il-mistoqsija hija li tagħmel kemm tagħmel, twettaq kemm twettaq u timplimenta riformi kemm timplimenta, tibqa' fl-affermattiv. Dan għaliex dan huwa settur dinamiku li jirrikjedi tibdil kostanti biex jirrispondi għall-esiġenzi tas-soċjetà. Mill-banda l-oħra hawnhekk għamilt referenza għal analiżi oġġettiva.

Min ikun oġġettiv fl-analiżi tiegħu jaf li għal snin twal dan is-settur kien kollox minbarra dinamiku, u aktar kmieni rreferejt għall-kritika li kienet issir kostantement matul is-snin taħt amministrazzjonijiet tal-Partit Nazzjonalista. Il-prinċipju ta' konservattiviżmu esaġerat, ta' ħalli kollox kif inhu, irrenja għal żmien twil, b'riżultat li spiċċajna naħdmu b'mentalità u b'għodda ta' għexieren ta' snin ilu. Għalhekk ir-rwol tagħna llum mhuwiex biss dak li nirrispondu b'mod effettiv għall-ħtieġijiet legali u ta' ġustizzja tas-soċjetà tal-lum, imma wkoll li nindirizzaw oqsma li tħallew abbandunati u injorati għal żmien twil għaliex il-mentalità antikwata li rikbet lil dan is-settur ma kinitx ippreparata għalihom.

Dan is-settur, bħal kull settur ieħor, għandu l-partikolaritajiet tiegħu. U x'inhuma l-partikolaritajiet tas-settur tal-ġustizzja, Sur President? Dan huwa settur li jiddependi fuq żewġ istituzzjonijiet tal-Istat: il-Gvern u l-Ġudikatura, li t-tnejn li huma għandhom responsabbiltajiet kbar fis-settur tal-ġustizzja. Dan li qed ngħid mhuwiex xi aħbar jew xi sejba min-naħa tiegħi, għaliex ħafna ministri tal-ġustizzja, inkluż ministri tal-Partit Nazzjonalista, qaluh qabli, però se nkun ċar. B'differenza milli kienu jagħmlu huma, jien mhu se ngħid qatt dak li qalu oħrajn, fosthom l-Eks Ministru Nazzjonalista Austin Gatt, li meta mistoqsi dwar id-dewmien u l-inkjesti pendenti, qal: Aktar milli nixtieq, ma nistax nagħmel. Aħna perfetti m'aħniex, imma għandna l-kuraġġ u d-determinazzjoni li nbiddlu. Hekk qed nimxu fis-settur tal-inkjesti maġisterjali, u hekk se nimxu f'kull settur li jeħtieġ bidla u riforma. Il-bidliet ma jistax iwettaqhom il-Gvern waħdu, l-istess kif ma tistax twettaqhom il-Ġudikatura waħedha, però flimkien u bir-rispett reċiproku tar-rwoli separati tagħna nistgħu nwettqu bidla sinifikanti.

Sur President, il-bidla sseħħ billi tkun oġġettiv, realistiku u, fuq kollox, ma taddottax approċċ li kull diffikultà u ħaġa ħażina li tiġri tattribwiha b'mod konvenjenti ħafna lill-politiku. Il-bidla sseħħ billi ma taqax fi stat tal-i*status quo* u l-kompjaċenza fejn dawn, sfortunatament, għal snin twal spiċċaw l-ordni tal-ġurnata għal dawk li pubblikament ikunu l-ewwel biex jattakkaw u meta titlaq għal għonq it-triq u tmidd idejk għall-ħidma, jaffrontawk b'kull skuża. L-aktar skuża li drajt f'din is-sena u fuqhom li ili fil-Ministeru hi li ma tagħmel xejn qabel tara li se twettaq riforma ħolistika. Ninħbew wara r-riforma ħolistika. Ir-riforma ħolistika trid titwettaq, viżjoni hemm, imma trid tibda timplimenta l-bidliet, u dak li qed nagħmlu u dak li se nkomplu nagħmlu, minkejja l-attakki li jiġu fil-konfront tagħna. Meta jirreferu għall-ħolistiku timpressjonax ruħek, Sur President, għax il-kelma "ħolistika" fid-dizzjunarju ta' wħud fis-settur tfisser kompjaċenza, tfisser l-i*status quo*, tfisser li ma tagħmel xejn għaliex dejjem hekk sar! Jien f'ħajti, jekk ma tgħallimt xejn jew ma fhimt xejn, ħaġa waħda fhimt sew: li ġġib rispett lil kulħadd, però tieħu lil kulħadd ta' li hu. Għaldaqstant, meta xi wħud qed jaraw li qegħdin niċċaqilqu bis-serjetà dwar bidliet li jridu jsiru, naraw xi wħud - u nagħmel enfasi fuq "xi wħud" - joħorġu fuq l-attakk. Nassigura lil dan il-Parlament u, fuq kollox, lill-elettorat li elezzjoni wara oħra jagħtina s-saħħa u l-mandat biex niggvernaw dan il-pajjiż - u tana mandat b'saħħtu ħafna fl-aħħar elezzjoni biex immexxu lil dan il-pajjiż - li rispettużi konna, għadna u nibqgħu u wisq inqas mhux se nkunu ġwejfin. Fuq kollox nassigura lill-elettorat li jien u t-team tiegħi fil-Ministeru tal-Ġustizzja se nkomplu ta' kuljum inqumu mimlijin enerġija biex inwettqu l-bidliet li jridu jseħħu, u dan il-Baġit se jippermettilna nsostnu l-ħidma tagħna.

Dan huwa Baġit li jippermettilna nwettqu dak li impenjajna ruħna għalih fil-manifest elettorali *Malta Flimkien* kif ukoll li nwettqu impenji oħrajn li nemmnu li jistgħu jirrispondu għall-esiġenzi tan-nies fis-settur tal-ġustizzja. F'Jannar li ġej se nkun qed indur kull qasam u nelabora fid-dettall dwar il-ħidma li qed issir fil-Ministeru tal-Ġustizzja lejn ġustizzja effiċjenti b'riformi leġiżlattivi, investiment fl-infrastruttura u, fuq kollox, fir-riżorsi umani kollha kemm huma mingħajr distinzjoni.

Rigward il-Baġit, għal darb'oħra dan il-Gvern qed jalloka l-akbar ammont fil-qasam tal-ġustizzja b'total ta' €60 miljun. Dan l-investiment ifisser żieda ta' 21% mis-sena preċedenti u kważi erba' darbiet aktar minn dak allokat taħt l-aħħar amministrazzjoni tal-Partit Nazzjonalista. Fil-fatt l-entitajiet fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja kollha rreġistraw żieda sostanzjali fl-allokazzjoni tal-baġit tagħhom bil-għan li nkomplu bil-mixja tagħna lejn ġustizzja effiċjenti. L-akbar żieda fl-investiment se ssir fil-proġetti kapitali tal-Qrati fejn, kif se nispjega aktar fid-dettall, hemm numru ta' proġetti li matul is-snin li ġejjin se jkabbru l-footprint tal-Aġenzija. Irrid insemmi li hemm xogħol għaddej preżentement fil-binja tal-Qorti kif ukoll xogħol fuq numru ta' tenders biex dan l-investiment immirat għal binjiet ġodda jkun jista' jseħħ u b'hekk nakkomodaw aħjar is-servizzi speċjalizzati tal-Qrati tagħna.

Ingħatat ukoll żieda sostanzjali fil-baġit tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u anke dak tal-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat. L-investiment fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali huwa investiment fir-riżorsa umana kif ukoll fit-taħriġ tal-istess impjegati li ssarraf f'żieda ta' €1.5 miljun fil-baġit allokat. Min-naħa l-oħra, fl-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat qed isir investiment fit-tkabbir ukoll tal-ispazju minn fejn jaħdmu u għalhekk ġew allokati fondi biex jibdew ħerġin it-tenders ta' perizja u project management li għandu jwassal għal binja ġdida u aktar adegwata għall-

professjonisti tagħna. Hemm ukoll ħidma għaddejja biex inkomplu nsaħħu l-kondizzjonijiet tagħhom. Wara l-investiment li sar matul is-sena fl-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi f'dak li huwa uffiċini ġodda u tisħiħ tal-istruttura, proċess li jinsab għaddej, saret ukoll żieda ta' 20% fil-baġit ta' dan l-Uffiċċju biex il-Gvern isostni l-impenn tiegħu fil-ġlieda kontra l-kriminalità. Imma ħalli issa nibda nsemmi qasam qasam.

Biex inkomplu nagħtu prijorità lill-effiċjenza fil-proċedura ġudizzjarja, komplejna naħdmu biex l-Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati tkompli tagħmel ħilitha biex toffri l-aħjar appoġġ lill-membri tal-Ġudikatura u wkoll servizz effiċjenti, effettiv u aċċessibbli liċ-ċittadini li għal xi raġuni jew oħra jirrikorru għas-servizzi tal-Qrati tagħna. L-Aġenzija f'dan il-Baġit għandha allokazzjoni ta' €32 miljun li jfisser tliet darbiet aktar minn dak allokat qabel l-2013. Dan kollu qed isir biex inkomplu ntejbu s-sistema ġudizzjarja, ninvestu fl-għodod neċessarji u nsaħħu r-riżorsi umani.

Sur President, ippermettili nirreferi għal inizjattiva ġdida li se tkun qed tittieħed dwar is-servizz ta' helpdesk. Fil-fatt matul is-sena li ġejja se nkunu qegħdin invaraw dan is-servizz ġdid fil-Qrati tagħna. Dan huwa servizz li se jkun ipprovdut minn post fil-binja prinċipali tal-Qorti, però huwa aċċessibbli direttament minn barra tal-binja, eżattament ħdejn il-one-stop shop, fejn hemmhekk il-pubbliku se jkollu punt ta' referenza mhux biss biex jieħu informazzjoni dwar il-proċeduri li jkunu għaddejjin, imma wkoll biex ikun jista' jieħu sodisfazzjon u spjegazzjoni dwar fiex ikunu waslu l-proċeduri li jkun involut fihom. Ċertament dan mhux se jkun servizz ta' parir legali. Il-parir legali jingħata mill-avukat u mill-avukati tal-għajnuna legali, dawk li jikkwalifikaw. Dan il-punt ta' referenza se jkun punt ta' informazzjoni li sfortunatament għal snin twal ma kienx ipprovdut fil-Qrati tagħna. Jien emmint mill-ewwel ġurnata li ċ-ċittadini li jirrikorru fil-Qrati għall-inqas għandu jkollhom punt ta' referenza fejn jitolbu informazzjoni dwar il-proċeduri li jkunu għaddejjin minnhom. L-infrastruttura lesta u qed issir il-ħidma bejn il-contact point u l-varji direttorati biex fiż-żmien li ġej inkunu f'pożizzjoni li noffru dan is-servizz. Li tidħol il-Qorti għal kull raġuni mhijiex sitwazzjoni faċli. Għall-inqas għandna nipprovdu faċilitajiet biex din l-esperjenza, li minnha nnifisha mhijiex esperjenza sabiħa, tkun provvista b'informazzjoni. Kultant in-nuqqas ta' informazzjoni anke dwar il-proċeduri li jkunu għaddejjin minnhom in-nies toħloq ċertu frustrazzjoni u stress u b'dan il-mod nistgħu nipprovaw nibdew niffaċilitaw.

Irrid ngħid xi ħaġa wkoll dwar ir-riżorsi umani fil-Qorti, u nibda billi nsellem lill-ħaddiema kollha fil-Qrati tal-Ġustizzja tagħna fi ħdan l-Aġenzija li llum il-ġurnata jammontaw għal 500, tas-servizz li jagħtu. Il-kelliema ta' qabli tkellmu dwar ir-responsabbiltà ta' dawn il-ħaddiema. Naqbel magħhom li hemm responsabbiltà li tkun taħdem fil-Qorti għaliex hemm sfidi, u minn hawnhekk nirringrazzjahom, imma wkoll nimpenja ruħi li kif konna aħna, il-Gvern li tahom l-ewwel ftehim kollettiv fl-istorja, se nkunu aħna li nkomplu ntejbu dak il-ftehim kollettiv li tajniehom biex fiż-żmien li ġej naraw il-kondizzjonijiet tagħhom ikomplu jitjiebu.

Sur President, hija skorretta l-kritika li qed issir li b'xi mod jew ieħor tingħata l-impressjoni li mhu qed isir xejn min-naħa tal-Aġenzija jew min-naħa tal-Gvern dwar ir-realtà tar-riżorsi umani. Il-fatti jibqgħu li għandna l-akbar numru ta' ħaddiema fil-Qrati tagħna fl-istorja ta' pajjiżna li, kif diġà għedt, jammontaw għal 500. Dawn il-ħaddiema qed igawdu minn kondizzjonijiet ċertament aħjar milli kellhom, għaliex illum huma mogħnija bi ftehim kollettiv li stabbilixxa l-kondizzjonijiet li ġew miftiehma mar-rappreżentanti tagħhom. Kif diġà għedt, l-impenn tagħna jibqa' dak li naraw li issa nibdew il-ħidma tagħna fuq ftehim kollettiv eventwali, naraw kif dawn il-kondizzjonijiet se jibqgħu jitjiebu mhux biss biex nassiguraw li l-ħaddiema jkomplu jieħdu dak li ħaqqhom, imma wkoll biex nattiraw aktar nies jibdew jaħdmu fil-Qrati tagħna f'kontest ta' ekonomija li qed toħloq diversi opportunitajiet ta' xogħol.

Meta ngħid analiżi oġġettiva hija wkoll f'dan is-sens: meta nitkellmu dwar ir-realtajiet tar-riżorsi umani qegħdin nitkellmu dwar sitwazzjoni ta' sfida tar-riżorsi umani f'kull settur ekonomiku ta' pajjiżna minħabba l-fatt li pajjiżna, grazzi għall-Gvern kif ukoll għall-impenn tal-poplu li fl-aħħar mill-aħħar segwa d-direzzjoni ekonomika ta' pajjiżna, qed joħloq ħafna opportunitajiet ta' xogħol. Ċertament li fi żmien Gvernijiet Nazzjonalisti ma kien hawn ebda opportunitajiet paragunabbli i. Mill-2012 sal-lum il-ħaddiema tal-Qorti żdiedu b'121, jiġifieri 32% aktar.

Sur President, grazzi wkoll għall-introduzzjoni ta' servizzi jew karigi ġodda - sejħilhom li trid - li għamel Gvern Laburista fl-2015, illum il-Ġudikatura għandhom jassistuhom 29 court attorney full-time. Meta nitkellmu dwar il-kwalità tal-ħaddiema kultant ninsew, konvenjentement, li f'parti minn dan il-grupp ta' 500 ħaddiem hemm professjonisti legali, hemm avukati li ġew ingaġġati fuq inizjattiva ta' Gvern Laburista biex jassistu lill-membri tal-Ġudikatura. Dawn xogħolhom jinkludi l-ivverifikar tal-proċessi tal-kawżi u l-abbozzar tas-sentenzi. Ma' dawn imbagħad hemm ukoll 47 assistent ġudizzjarju, inkluż ħamsa fuq bażi full-time. Mill-2012 sal-lum dawn irduppjaw fin-numru. Fil-fatt din is-sena biss kien hemm 12-il assistent ġudizzjarju ġdid li ġew ingaġġati min-naħa tal-Aġenzija tal-Qorti li tikkonferma l-impenn li għandna bħala Gvern li nkomplu ningaġġaw nies ta' professjoni li jipprestaw servizz fil-Qrati tagħna biex jassistu l-Ġudikatura fil-ħidma tagħhom.

Kemm il-court attorneys kif ukoll l-assistenti ġudizzjarji huma, kif għedt, avukati. Jiġifieri fost il-500 impjegat fil-Qorti hemm 76 avukat, 34 minnhom ingaġġati fuq bażi full-time biex jassistu lill-Ġudikatura. Jien għalhekk nagħmel enfasi fuq il-fatt li kultant issir din id-diskussjoni, għaliex qabel kellek deputati reġistraturi avukati. Illum, jekk int avukat, ningaġġawk bħala court attorney jew bħala assistent ġudizzjarju. Jekk inti deputat reġistratur li komplejt tistudja – u naf li min qed isegwi jaf x'qed ngħid – għandek opportunità tmur taħdem fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jew fl-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat. Dawn huma opportunitajiet li qabel kienu ineżistenti.

Meta nitkellmu b'mod oġġettiv f'din it-tip ta' diskussjoni jien inkun qed nistenna proposti dwar kif se nkomplu nsaħħu r-riżorsi fil-Qrati tagħna. Kif għedt, aħna dejjem konna konxji tal-isfidi li jeżistu wkoll f'setturi oħrajn, u għalhekk id-diskussjoni u l-analiżi dwar kif nistgħu nkomplu ntejbu l-kondizzjonijiet tal-ħaddiema u l-istandards hija waħda kontinwa.

Fiż-żmien li ġej il-ħaddiema li se jkunu ingaġġati mal-Aġenzija se jkunu qed jiġu wkoll provduti taħriġ speċjalizzat fl-ewwel perjodu ta' impjieg tagħhom proprju biex nassiguraw li dawk li jidħlu fil-Qrati tagħna, fl-ewwel perjodu tagħhom jingħataw taħriġ li jkun jissodisfa n-neċessitajiet tal-Qrati, tal-Ġudikatura kif ukoll tas-sistema tal-Qrati tagħna b'tali mod li jkunu aktar ippreparati biex jaqdu l-funzjonijiet tagħhom. Dan isir permezz ta' taħriġ kif ukoll permezz ta' work placement strutturat b'mentoring u anke nibdew online learning modules apposta għall-ħaddiema tal-Aġenzija.

Se nniedu wkoll programm ta' sponsorships għall-impjegati tal-Aġenzija biex isegwu korsijiet akkreditati u rikonoxxuti f'livell MQF Level 5 jew ogħla, relatati max-xogħol tal-Aġenzija. Hemm impenn assolut biex nassiguraw li mhux biss nattiraw lin-nies lejn il-Qrati tagħna biex joffru servizz u jaħdmu fil-Qrati tagħna, imma wkoll li ntejbulhom il-ħiliet.

Fl-interventi li saru waqt dan id-dibattitu ntqal ħafna dwar il-Ġudikatura, imma l-fatti huma li huma. Grazzi għad-deċiżjonijiet li ttieħdu minn dan il-Gvern illum għandna l-akbar korp tal-Ġudikatura, u wara snin ta' appelli anke mill-istess Ġudikatura li hemm bżonn jinħatru aktar imħallfin u maġistrati, issa hemm uħud – u nagħmel l-enfasi fuq "uħud" – li jgħidulek li mhux biżżejjed li jiżdiedu l-membri tal-Ġudikatura. Anzi jkun hemm uħud li l-għada li jieħdu l-ġurament tliet imħallfin joħorġu b'attakk bla preċedent fuq is-settur tal-ġustizzja. Tajjeb nispjega lill-poplu li dawn mhumiex deċiżjonijiet faċli li żżid il-membri tal-Ġudikatura. Tant mhumiex faċli li f'din is-sena u nofs, jiġifieri minn wara l-aħħar elezzjoni ġenerali li għaddiet, żdiedu 11-il membru tal-Ġudikatura, ħames imħallfin u sitt maġistrati.

Dak li għandu x'jaqsam maż-żieda fil-Ġudikatura, din l-amministrazzjoni wettqet dak li wettqu amministrazzjonijiet oħrajn f'14-il sena. F'sena u nofs wettaqna dak li ħaddieħor wettaq f'14-il sena! Din mhux sempliċement tqum filgħodu u tgħid li se nżidu l-membri tal-Ġudikatura. Hemm konsiderazzjonijiet importanti dwar finanzi u, fuq kollox, riżorsi umani u infrastruttura. Apparti dawn iż-żidiet sostanzjali, fil-Korp tal-Ġudikatura nħatru wkoll żewġ imħallfin oħrajn biex nantiċipaw l-irtirar ta' żewġ imħallfin li wieħed minnhom laħaq u ieħor se jkun qed jilħaq l-età massima tas-servizz, u minn hawnhekk insellimlu. Nhar it-Tnejn li għadda għamel l-aħħar seduta tiegħu, u nirringrazzjah f'isem il-Gvern tal-impenn kostanti li wera matul il-karriera twila u illustri li kellu fil-Ġudikatura. Dan kien pass bla preċedent u issa beħsiebna naraw li ssir prassi biex nassiguraw li jkun hemm tranżizzjoni aktar

mingħajr skossi wara l-irtirar ta' ġudikant u mhux inħallu perijodu sħiħ ta' vakum bejn irtirar u ħatra ġdida kif sfortunatament kien jiġri fil-passat. Qed ngħid dan għaliex irridu nirrikonoxxu u nitgħallmu mill-iżbalji tal-passat u naħdmu fuqhom. Dan huwa li effettivament qegħdin nagħmlu anke b'deċiżjonijiet bħal dawn.

Apparti ż-żidiet fil-membri tal-Ġudikatura, wieħed irid iħares lejn kif jiġi assenjat ix-xogħol. Dak huwa r-rwol tal-Prim Imħallef. Irrid hawnhekk fl-ewwel lok nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lill-Judicial Appointments Committee għall-ħidma tagħhom għaliex f'din is-sena u nofs tajniehom xogħol mhux ħażin f'dak li għandu x'jaqsam ma' għażliet tal-membri tal-Ġudikatura. Fit-tieni lok nixtieq nelenka l-interess b'saħħtu li kien hemm minn professjonisti legali, jiġifieri avukati, biex jidħlu jservu f'dawn ir-rwoli prestiġjużi u ta' responsabbiltà kbira meta jkun hemm sejħa. Fl-aħħar sejħa għall-imħallfin kien hemm 17-il avukat li esprimew l-interess tagħhom filwaqt li fis-sejħa tal-maġistrati applikaw 31 avukat.

Id-diskors tal-Prim Imħallef fil-ftuħ tas-sena forensi ssemma ħafna, però ftit li xejn issir referenza għal appell li għamel is-Sinjorija Tiegħu għal standards ogħla mill-membri tal-Ġudikatura. Kif spjega, il-Kostituzzjoni u l-Kodiċi tal-Proċedura jpoġġu dmir fuqu bħala President tal-Qorti li jeżerċita element ta' monitoraġġ u dixxiplina fuq il-ġudikanti, u kien għalhekk li ppropona dak li ddeskriva bħala pont bejnu u l-ġudikanti li jkun awtonomu u ffokat biss fuq ir-rendiment u l-komportament tal-ġudikant.

Aħna bħala Gvern, kif għamilna konsistentement fuq kull appell li jagħmel il-Prim Imħallef, se nkunu qegħdin insegwu l-proposta tiegħu li tiddaħħal dik li hu stess fisser bħala struttura interna għall-istandards tal-Ġudikatura, li dmirha jkun li ssegwi fid-dettall l-operat tal-ġudikanti f'kull aspett. Se nkun ċar, jien għandi stima u rispett kbir lejn dawk il-membri tal-Ġudikatura li minn hawnhekk insellmilhom. Ta' kuljum dawn jgħixu b'lealtà għall-ġurament tal-ħatra tagħhom u tkun ħasra jekk minħabba xi wħud tittappan ir-reputazzjoni b'saħħitha li sal-lum igawdi minnha l-Korp tal-Ġudikatura.

Il-ħtieġa li l-Ġudikatura tgawdi rispett hija wkoll element importanti ħafna għall-istess tħaddim tal-Kostituzzjoni. Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Libertà tal-Espressjoni jagħmel eċċezzjoni dwar il-ħtieġa li dak id-dritt ma jkunx abbużat biex tixxekkel l-awtorità u l-imparzjalità tal-Ġudikatura. Mill-banda l-oħra, il-Ġudikatura trid ukoll tibża' għar-reputazzjoni tagħha bil-mod kif taġixxi.

Il-Gvern huwa konxju ta' dan kollu u għalhekk, bl-istess mod li mxejna u qed nimxu ma' stakeholders oħrajn fis-settur, irridu naraw li fejn hu possibbli b'mod meritevoli u b'mod sostenibbli nkomplu nsaħħu anke l-kondizzjonijiet tal-membri tal-Ġudikatura biex ikunu f'pożizzjoni li jwettqu bis-sħiħ ir-rwol importanti tagħhom, u dan b'diskussjoni mar-rappreżentanti tal-Ġudikatura fl-Assoċjazzjoni tal-Ġudikatura.

Irrid issa ngħid kemm il-Partit Laburista fil-gvern tejjeb bil-fatti l-kondizzjonijiet tal-Ġudikatura, inkluż fis-salarji tagħhom li fl-aħħar għaxar snin żdiedu b'medja ta' 78% minn dak li kellhom taħt l-amministrazzjoni tal-Partit Nazzjonalista. Kien ukoll dan il-Gvern li fl-2015 introduċa l-konċett ta' court attorneys wara talba tal-istess Ġudikatura biex l-imħallfin ikollhom assenjat magħhom avukat biex jassistihom fir-riċerka u fil-kitba tas-sentenzi. Jiġifieri jekk hemm Gvern li mhux bid-diskors imma bil-fatti ħadem u qiegħed jaħdem biex isaħħaħ il-kondizzjonijiet tal-Ġudikatura, huwa proprju dan il-Gvern.

Sur President, insaħħu l-kondizzjonijiet anke billi naraw li ċertu xogħol li llum isir mill-Ġudikatura ma jibqax isir minnhom. Hemm ħidma f'dan ir-rigward bħal, pereżempju, iż-żieda fil-kompetenza tas-Small Claims Tribunal, biex każijiet li llum isiru quddiem il-maġistrati jibdew isiru quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar. Għandek il-Qorti volontarja li tiġi preseduta possibbilment minn imħallef irtirat u konsiderazzjonijiet varji oħrajn li jridu jsiru dejjem bis-salvagwardji meħtieġa għad-dritt ta' smigħ xieraq bl-iskop li nassiguraw li l-membri tal-Ġudikatura – u hawnhekk qed nirreferi partikolarment f'din il-parti għall-maġistratura – tkun tista' tiffoka fuq xogħol aktar sostantiv li jwettqu llum.

Sur President, qed insaħħu l-kondizzjonijiet mhux biss permezz ta' dawn l-interventi tal-Ġudikatura u tal-avukati u fuq kollox tal-pubbliku li jistenna servizz ta' kwalità mill-Qrati tagħna, imma wkoll permezz ta' investiment fl-

infrastruttura, fil-binjiet. L-investiment f'dan is-settur ukoll huwa bla preċedent. L-approċċ li qed nieħdu huwa wieħed aggressiv biex nidentifikaw binjiet adegwati u biex anke nimmassimizzaw l-ispazju fil-binjiet li diġà għandna. Jien segwejt daqsxejn il-punt kritiku tal-Oppożizzjoni dwar dak li qed nagħmlu fil-binja tal-Qorti.

Infakkarhom fit-teatrini li kienu għamlu mill-Gvern, fosthom li jżidu żewġ sulari fil-Qorti tal-Familja u kellhom ibiddlu l-pjanijiet. Hawnhekk għandi artiklu intitolat "Family Court loses unsightly floors". Dik hija s-sitwazzjoni li kellna taħt amministrazzjoni tal-Partit Nazzjonalista! L-uniku intervent li għamlu kellhom imorru lura minnu għax lanqas kienu kapaċi jieħdu deċiżjoni adegwata dwar kif se jżidu l-ispazju fil-Qrati tagħna. U llum jiġu f'din il-Kamra jipprovaw jikkritikaw jew jippontifikaw dwar kif għandhom isiru l-affarijiet. Dik kienet is-sitwazzjoni!

Sur President, hawnhekk se nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Artiklu li deher fuq is-sit online *Times of Malta* fl-10 ta' Frar 2012 bl-isem 'Family Court loses unsightly floors'.

Qed issir ukoll awla ġdida għall-ġurijiet. Din qed issir fil-binja tal-Qorti għaliex awla tal-ġurijiet mhijiex awla ordinarja imma teħtieġ numru ta' faċilitajiet ančillari, inkluż entratura bl-iskorta u b'ċella. Ma kienx jagħmel sens prattiku u, fuq kollox, ma kienx ikun realistiku li nirreplikaw dawn is-servizzi ančillari f'binja oħra separata distinta mill-binja prinċipali tal-Qorti. Id-deċiżjoni ttieħdet abbażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet biex eventwalment ikollna t-tieni awla adegwata għall-ġurijiet. Il-ħidma għaddejja u din jistgħu japprezzawha diversi avukati li ta' kuljum jiffrekwentaw il-Qorti.

Naf li hemm awla oħra li tintuża għall-ġurijiet, però naf ukoll bil-kritika li hemm li din mhijiex adegwata, partikolarment meta għandek il-ġuri bil-ġurija. Għaldaqstant qed naraw li jkollna awla verament attrezzata għal dan it-tip ta' seduti għall-ġurijiet fil-binja prinċipali ħalli nassiguraw li bl-effiċjenza li qed nilħqu f'dak li għandu x'jaqsam mal-aspett ta' prosekuzzjoni, fejn il-każijiet jimmaturaw u jkunu lesti għall-ġuri, ma ninqabdux nieqsa minn spazju fiżiku ta' fejn isiru l-ġurijiet. Dan ix-xogħol għaddej b'ritmu mgħaġġel biex nassiguraw li d-deċiżjonijiet iwasslu biex tittieħed azzjoni konkreta u ma tibqax biss fuq il-karta.

Għalhekk rajna li nammassimizzaw l-ispazji li kellna fil-Qrati prinċipali fejn mhux biss utilizzajna ċerti kmamar kbar li ma kenux qegħdin jintużaw imma ħadna wkoll parti mill-għoli li kien hemm fil-kurituri. Dan l-investiment flimkien ma' ħidma oħra fuq l-uffiċini ġodda għall-użu tal-Ġudikatura se jsir b'investiment ta' 'l fuq minn €400,000. Fl-istess waqt għadu għaddej ix-xogħol ta' rinnovar u restawr tal-faċċata tal-Qorti u issa jmiss li jibdew xogħlijiet fuq il-faċċata li tagħti fuq Strada Stretta fejn hemmhekk se jkunu stallati numru ta' EV charging points għall-użu tal-karozzi tal-marixxalli.

Irrid nikkummenta wkoll fuq l-argument li sar tal-iffullar fil-Qorti. Aħna m'aħniex qed nieħdu din id-deċiżjoni b'mod iżolat. Jien qiegħed dejjem suġġett għall-kritika, però mill-banda l-oħra trid tkun kritika oġġettiva. Jien għedt pubblikament li meta qed ngħidu li se ninvestu, fost oħrajn, f'qorti kummerċjali, aħna qed ngħidu li din tkun f'binja distinta mill-binja tal-Qorti u tkun qorti bir-reġistru għaliha. Kif diġà ħabbart, din il-binja ġiet identifikata u fiż-żmien li ġej se nkun qed nagħti aktar dettalji dwar dan. Ix-xogħol li jsir illum esklużivament fil-binja tal-Qorti se jibda jitressaq f'binjiet oħra fil-kapitali tagħna stess b'tali mod li jkun hemm ċerti seduti li ma jsirux fil-binja prinċipali.

Sur President, is-seduti kummerċjali eventwalment mhux se jibqgħu jsiru hemmhekk għaliex se nkunu qegħdin ninvestu f'binja ġdida adegwata għas-settur kummerċjali b'mod speċjalizzat, b'differenza milli għandna lum li hija sezzjoni fil-Qorti Ċivili. Għaldaqstant, meta qed nagħmlu dawn il-konsiderazzjonijiet u nieħdu dawn id-deċiżjonijiet ta' interventi fil-binja tal-Qorti prinċipali, dawn qed jinkwadraw fil-pjan miftuħ li għandna ta' kif se nkunu qegħdin nassiguraw li jkun hemm l-ispazju adegwat fil-Qrati tagħna.

Rigward il-Qorti Kriminali ġdida ssemmiet il-Binja tal-Ferjol. Sewwa qal, din il-binja ilha tissemma mill-1996, imma altru milli tissemma fuq il-karti u altru milli ħerġin it-tenders fi ftit tal-jiem oħra. Dan iridu jgħidu l-kelliema tal-Oppożizzjoni! Hawnhekk se jkollna tliet awli tal-Kriminal. Għalfejn tlieta u mhux erba' awli? Għax rajna li rridu binja tal-Qorti Kriminali li

tkun tirrifletti l-esiġenzi u n-neċessitajiet tal-lum, inkluż faċilitajiet biex jisseparaw lill-vittmi tal-kriminalità f'żoni speċjalizzati. Jekk se nagħmlu pass, dan irridu nagħmluh b'mod li kemm jista' jkun jakkomoda l-esiġenzi mhux biss tal-lum imma anke ta' għada. Minn żmien għal żmien jinbidlu l-esigenzi, u għaldaqstant dawn trid tindirizzahom. Kif qal l-Onor. Membru tal-Oppożizzjoni, meta saret il-binja prinċipali tal-Qorti sakemm ġiet inawgurata kienet diġà ġiet eżawrita fl-ispazju, aħseb u ara llum, wara dawn is-snin kollha, kemm hemm bżonn interventi. Aħna qed nieħdu din is-sitwazzjoni bis-serjetà ħafna.

Fir-rigward tal-binja tal-Ferjol irrid ngħid li rnexxielna niżblokkaw sitwazzjoni legali li kienet ilha tkarkar is-snin, u li kieku ma intervjenejniex kienet tkompli tkarkar aktar snin. Dan sar biex nassiguraw li jibda x-xogħol fuq din il-binja strateġikament importanti fil-Belt Valletta wara l-binja tal-qorti tagħna. Nafu li x-xogħol fil-Belt Valletta jirrikjedi wkoll ċerta attenzjoni minħabba s-sensittività tiegħu, u għaldaqstant ma rridux nitilfu aktar żmien biex isir dan ix-xogħol. Din il-binja tal-Ferjol se tinbidel f'binja tal-Qorti Kriminali li se tkun tikkonsisti fi tliet awli mgħammra bl-aħħar teknoloġija, is-sigrieti tal-imħallfin, u numru ta' uffiċini għall-uffiċjali li jassistu lill-Ġudikatura. Din il-binja se jkollha wkoll reġistru tal-Kriminal, u allura hawnhekk qed inkompli nirrispondi għall-konsiderazzjonijiet li saru fuq l-iffullar fil-Qorti.

Qegħdin nittraslokaw l-awli, u bil-ħidma li qed issir mill-binja tal-qorti prinċipali għal binjiet oħrajn qegħdin nilħqu l-iskop tagħna li l-binja tal-qorti tkun post fejn il-ħidma ssir b'mod ordinat. F'din il-qorti se jkollna żona speċjalizzata aċċessibbli biss għall-vittmi u se jkollna entratura differenti biex ikun assigurat li tingħata l-aktar protezzjoni possibbli. Rajna li l-konċett ikun ippjanat biex jindirizza l-ħteġijiet tal-lum u ta' għada b'tali mod li nikkomplementaw pjanijiet oħra rigward l-infrastruttura tal-qrati tagħna. Kif indikat fil-Baġit għas-sena li ġejja, il-Gvern alloka €1 miljun biex jibda l-proċess tax-xogħol, proġett li fit-totalità tiegħu mistenni jaqbeż il-€5 miljuni.

Ġiet ukoll identifikata binja tal-Gvern fil-Belt biex tintuża bħala Qorti Kummerċjali. Dan wara li l-Gvern iddeċieda li pajjiżna jixraqlu Qorti Kummerċjali bħala qorti speċjalizzata u mhux sezzjoni kif għandna llum fil-Qrati Ċivili. Din il-Qorti se tkun tittratta każijiet relatati mal-marittimu, avjazzjoni, proprjetà intellettwali, falliment ta' kumpaniji u oħrajn. Nista' ngħid li dan il-pass intlaqa' tajjeb ħafna, u dan deher mir-reazzjoni li kien hemm minn diversi stakeholders, inkluż il-Kamra tal-Kummerċ. Fiż-żmien li ġej se nkun f'pożizzjoni li nagħti aktar dettalji f'dan ir-rigward però, kif tapprezzaw, il-ħidma diġà bdiet, tant li b'diskussjoni mal-Prim Imħallef rajna li jinħatar imħallef addizzjonali biex minn imħallef wieħed ikollna tnejn li jippresiedu fil-Qorti Ċivili Sezzjoni Kummerċjali.

Fil-Qorti tal-Familja għamilna investiment ta' €1 miljun biex sar rinnovar u bini ta' awla ġdida fil-Qorti tal-Familja. Fl-istess waqt baqgħet għaddejja ħidma fejn qed nesploraw binjiet oħra li fiż-żmien li ġej jistgħu jservu ta' qorti aktar adegwata għar-realtajiet tal-lum f'dan is-settur daqstant sensittiv.

Insellem ukoll lill-erba' maġistrati ġodda li se jkunu qegħdin jieħdu l-ġurament fiż-żmien li ġej li mhux neċessarjament se jkunu mill-istess persuni li applikaw għall-maġistratura. Kienet dejjem ċara u ma nafx għalfejn iqumu dawn il-mistoqsijiet. Se jkun hemm ukoll faċilitajiet għall-maġistrati inkwerenti wara li ħabbarna din ir-riforma. Kont ċarissimu wara li kien hemm din id-deċiżjoni b'konsultazzjoni mal-Prim Imħallef biex naraw li fiż-żmien li ġej inwettqu din il-proposta. Din tal-maġistratura ffokata fuq l-inkjesti ilha tissemma mill-1996, semmieha ripetutament l-Avukat Franco Debono meta kien fil-Parlament fuq il-bankijiet tan-naħa l-oħra meta kienu fil-gvern, u llum qed issir realtà, għax altru tipproponi u altru timplimenta!

Rigward il-Qorti ta' Għawdex rajna li mhux biss nieħdu deċiżjonijiet leġiżlattivi biex anke nnaqqsu l-iskariġġ lill-Għawdxin, imma bqajna għaddejjin b'ħidma biex tkun identifikata binja adegwata li sservi ta' qorti li tirrifletti r-realtajiet u l-esiġenzi tal-lum f'Għawdex.

Qed isir ukoll investiment massiċċ fl-infrastruttura diġitali. Finanzjarjament din is-sena qed naraw żieda ta' 61% fil-vot f'dan il-qasam, żieda ta' kważi €2 miljun. Dan l-investiment qiegħed isir skont l-ewwel strateġija diġitali ta' Malta u qiegħed jiġi ffinanzjat min-National Recovery and Resiliency Facility tal-Unjoni Ewropea.

Grazzi għal numru ta' proġetti oħra li saru fl-aħħar sena, illum il-Qorti hija attrezzata b'document camera scanners sabiex jintużaw fl-awli kollha biex il-membri tal-Ġudikatura jkunu jistgħu jipproġettaw dokumenti fl-awla. Inxtara u ġie stallat tagħmir ta' video conferencing kif ukoll ġiet stallata u qed tiġi operata sistema ġdida ta' wifi għall-ħaddiema, il-professjonisti u dawk li jagħmlu użu mill-binja tal-Qorti.

Saru wkoll diversi investimenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' atti kriminali li issa jistgħu jiġu sottomessi online. Minn żmien għal żmien se nkomplu nilleġiżlaw f'dan ir-rigward biex aktar proċessi u atti tal-Qorti jkunu jistgħu jiġu sottomessi online. Fiż-żmien li ġej se nkomplu nagħmlu dan.

Hemm ukoll numru ta' sejħiet għall-offerti li se jiġu pubblikati jew allokati fis-sena li ġejja, li huma parti minn din ir-riforma importantissima li qegħdin nieħdu bis-serjetà, inkluż dik marbuta mal-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat fejn se titnieda din is-sistema diġitali ġdida ta' case management filwaqt li se jkun hemm proġett estensiv fit-tfassil tal-proċessi fl-entitajiet tal-ġustizzja kollha. Id-diġitalizzazzjoni huwa settur importanti li qed jittieħed b'serjetà liema bħalha, imma min jaħseb li se nqumu filgħodu u s-sistema tiġi diġitalizzata mil-lum għal għada, qed jgħix f'dinja mhux reali, għax nafu li dan huwa proċess li jrid isir gradwalment. Jien konvintissimu li qed issir ħidma ta' kuljum biex dan il-proċess iwassalna għal din ir-riforma daqstant importanti.

L-immodernizzar tal-liġijiet huwa proċess kontinwu li jsir mill-Ministeru tal-Ġustizzja. Rigward ir-riforma tal-kumpilazzjonijiet kellna konsultazzjoni pubblika estensiva bil-parteċipazzjoni ta' diversi stakeholders u anke tal-pubbliku inġenerali li tindika n-neċessità li jsiru riformi f'dan ir-rigward. Dalwaqt se nressqu l-Abbozz ta' Liġi biex jinbdew il-proċeduri Parlamentari ħalli f'dan is-settur kriminali jkollna proċessi li jirriflettu r-realtajiet tal-lum u li f'pajjiżi oħra ilhom snin li bidluhom biex fl-aħħar mill-aħħar naraw li l-poplu jkollu s-servizz ta' ġustizzja li jistħoqqlu u servizz ta' ġustizzja ta' kwalità u effiċjenti.

Aktar kmieni għamilt referenza għar-riforma fl-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità. Fil-fatt ilbieraħ ġie ppubblikat dan l-Abbozz ta' Liġi kuraġġuż ieħor u li eventwalment se jkun diskuss fil-Parlament. Dan huwa Abbozz ta' Liġi li jittratta liġijiet varji dwar ir-rikavat mill-kriminalità. Dan huwa s-suġġett marbut mal-attachments, mal-freezing u mal-eventwali konfiska li ilu jsir appell biex inħarsu lejh. Dawn kienu saħansitra deskritti minn bosta bħala liġijiet li qed jirrovinaw nies u familji minħabba l-aspett drakonjan tagħhom.

Aħna rajna li nagħmlu konsultazzjoni estensiva mal-istakeholders prinċipali fis-settur. Ħadna ż-żmien tagħna fuq din ir-riforma biex nassiguraw li l-istituzzjonijiet ta' pajjiżna jkomplu jiġġieldu b'suċċess il-kriminalità, anzi jkollhom għodda aktar effettiva biex jiġġieldu l-kriminalità waqt li nilħqu wkoll dik il-proporzjonalità li dejjem sar appell għaliha min-naħa tal-Qrati tagħna biex nassiguraw li l-Liġi Kriminali tkun waħda punitiva imma ma tkunx oppressiva jew toħloq inġustizzja minnha nnifisha bil-proċeduri li tistabbilixxi.

Issa rrid ngħid xi ħaġa wkoll dwar is-settur tal-vjolenza domestika. Mill-aspett leġiżlattiv u b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Imħallef Valenzia, fl-ewwel kwart tas-sena d-dieħla se nkunu qed inressqu emendi li jagħtu definizzjoni aġġornata ta' family and domestic unit. Dan mhux biex b'xi mod inrendu każ inqas importanti minn ieħor, imma biex naċċertaw u nassiguraw ruħna li verament dawk il-każijiet ta' vjolenza domestika jiġu klassifikati bħala każijiet ta' vjolenza domestika. Dan anke b'rispett ta' dak li ġie rakkomandat mill-Imħallef Valenzia f'dan ir-rigward wara l-inkjesta interna li ħtarna wara l-qtil ta' Bernice Cassar.

Fuq vjolenza domestika rajna wkoll ħidma interministerjali, u hawn insellem lill-Ministeri l-oħrajn, li huma l-Ministeru tal-Familja u dak tal-Intern. Saret ħidma fuq il-Malta Agency Risk Assessment Meeting (MARAM), li hija d-dangerous assessment tool li issa bdiet titħaddem. Hawn irrid nispjega wkoll x'għamilna bħala Ministeru għall-Ġustizzja. F'Awwissu 2022, jiġifieri ftit ġimgħat jew xhur wara li dħalt fil-Ministeru, jien kont diġà esprimejt li hemm bżonn naraw li jkun hemm maġistrat ieħor fis-settur tal-vjolenza domestika. Fil-fatt, f'Awwissu ta' dak is-sajf, jien kont tellajt proposta għall-approvazzjoni tal-Kabinett li jkun hemm żewġ maġistrati addizzjonali, wieħed jew waħda speċifikament fuq vjolenza domestika. Jien napprezza li l-Maġistrat Lanfranco kienet qed

tagħmel biċċa xogħol tajba ħafna u għadha tagħmel biċċa xogħol tajba ħafna, u minn hawn nirrikonoxxi l-ħidma tagħha flimkien mal-bqija tal-Ġudikatura.

Però kien hemm bżonn li jkun hemm maġistrat ieħor, u dan hu li fil-fatt għamilna. F'Ottubru, fil-ftuħ tas-sena forensi, il-Prim Imħallef fid-diskors tiegħu mis-Sedja appella għal żewġ maġistrati addizzjonali u kien qal bl-aktar mod speċifiku biex jiżdiedu maġistrat fuq vjolenza domestika u ieħor fuq money laundering. Aħna konna pronti rrispondejna għax kellna l-approvazzjoni tal-Kabinett f'Awwissu. (Onor. Membri: Hear, hear) Dakinhar stess il-Ministeru rreaġixxa fl-affermattiv u beda l-proċess. Issa rrid infakkar li l-proċess jieħu ż-żmien tiegħu u dan grazzi għar-riformi li wettaqna bħala Gvern, għaliex b'differenza minn kif kien isir qabel, illum ma jqumx il-Ministru tal-Ġustizzja u jipproponi xi żewġ avukati biex isiru maġistrati. Ħriġna sejħa pubblika, sar il-proċess, u fil-bidu tas-sena kellna żewġ maġistrati li kienu għad-disponibbiltà tal-Qorti.

Wara din iż-żieda fil-korp tal-maġistrati l-Prim Imħallef neħħa lill-Maġistrat Lanfranco mill-inkarigu li tippresiedi l-Qorti tal-Minorenni u l-kawżi tal-manteniment, kura u kustodja biex b'hekk imbagħad il-Maġistrat Lanfranco bdiet tagħmel bejn erba' u ħames seduti fil-ġimgħa kollha marbuta mal-vjolenza domestika, bejn kumpilazzjonijiet u kawżi sommarji. Dan b'differenza minn seduta, massimu tnejn, li kienet tagħmel qabel ma ttieħdet din id-deċiżjoni mill-Gvern li jżid maġistrat ieħor. Bdiet tagħmel ukoll il-kumpilazzjoni marbuta mal-vjolenza domestika l-Maġistrat il-ġdida Abigail Critien.
Sur President, dawn kienu deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Qorti u ebda ministru, ebda shadow minister tal-ġustizzja, ebda politiku, m'għandu diskrezzjoni fuq kif jitqassam u jiġi assenjat ix-xogħol. Li hu żgur huwa li dawn id-deċiżjonijiet wasslu biex in-numru ta' seduti marbuta mal-vjolenza domestika aktar milli ttrippla. Hawn irrid ukoll infaħħar lill-predeċessuri tiegħi li ħadu l-briga u għamlu enfasi li jkun hemm maġistrat iffokat u ddedikat fuq hekk. Qabel, dawn il-kawżi kienu jintilfu mal-kawżi tad-distrett. Għalhekk ejja naraw kif dan is-settur qiegħed jiżviluppa matul iż-żmien u napprezzaw id-deċiżjonijiet kuraġġużi li qed jieħu dan il-Gvern f'dan is-settur.

Irrid nistqarr li jekk tistaqsini jekk meta ħadna d-deċiżjoni kinitx l-intenzjoni tagħna li jkollok maġistrat iffokat imbagħad ikollok maġistrat li jkun qiegħed jassisti, ngħidlek li le. Aħna rridu li jkun hemm żewġ maġistrati li jwettqu l-ħidma b'mod speċifiku fuq vjolenza domestika kif qed tagħmel tant tajjeb il-Maġistrat Lanfranco. Id-deċiżjoni li nżidu membru tal-Ġudikatura ttieħdet proprju biex ikollna żewġ maġistrati ffokati fuq il-vjolenza domestika. Il-messaġġ tiegħi qed nagħmlu b'mod konsistenti. Esprimejt ukoll din ix-xewqa tiegħi mas-Sinjorija Tiegħu l-Prim Imħallef u naf ukoll li se jkun qed jieħu azzjoni f'dan ir-rigward għaliex ċertament nifhmu u napprezzaw kemm huwa settur sensittiv li jeħtieġ l-attenzjoni.

Issa, Sur President, irrid ukoll b'sens ta' ġustizzja nikkjarifika ċerti rapporti li dehru li f'sena nqatgħu biss 210 każi. Mhuwiex il-każ! Dak l-ammont kien biss fix-xahar ta' Ottubru. Fil-fatt, f'sena sa Ottubru, kien hemm 1,480 każ ġdid; 918 kienu deċiżi u 73 marru *sine die*. Nappella biex inkunu wkoll korretti fir-rapportaġġ u fl-interpretazzjoni tal-figuri. Ejja wkoll inkunu ġusti fil-kritika li nagħmlu. Issib min jgħidlek: Imma dawn mhux kawżi sommarji? Kif ma taqbadx u taqtagħhom dak il-ħin? Irridu napprezzaw is-sensittività tas-settur. Jien konvint mill-intenzjoni ġenwina fil-parametri tal-ġustizzja li tieħu l-ġudikant f'dan is-settur partikolarissimu, fejn għandek diversi dinamiċi familjari jew ta' relazzjoni.

Daqstant ieħor huwa importanti s-servizz tal-għajnuna legali fejn saħansitra l-pool ta' avukati li joffru s-servizz tagħhom speċifikament u b'mod speċjalizzat fuq dan it-tip ta' vittmi qed ikompli jissaħħaħ. Illum, bl-inizjattiva li ħadna, għalaq proċess fejn se nkunu qegħdin naraw pool ta' kważi 50 avukat li joffru s-servizz tagħhom lill-Aġenzija tal-Għajnuna Legali li qed twettaq xogħol kbir f'dan is-settur. (Onor. Membri: Hear, hear) B'din iż-żieda tal-avukati u professjonisti se nkomplu nsaħħu dan is-servizz. Ejja niftakru wkoll li l-vittmi tal-vjolenza domestika lanqas biss għandhom bżonn jikkwalifikaw għat-test tal-mezzi biex jingħataw is-servizz. Qegħdin nassiguraw li hemmhekk ikollna l-avukati disponibbli kemm bit-telefon kif ukoll b'rappreżentanza fiżika fil-qorti biex jassistu lil dawn il-vittmi.

Fiż-żmien li ġej se ssir ukoll konsultazzjoni pubblika fuq l-inkjesti. Magħna kulħadd jaf fejn

qiegħed u dak li nwiegħdu nwettquh, inkluż f'dan is-settur, fejn se naraw li dak li pproponejna fil-manifest elettorali jiġi implimentat. Bdiet l-implimentazzjoni tiegħu u issa rridu mmorru għall-pass li jmiss. Se nkunu qegħdin inniedu diskussjoni pubblika abbażi ta' White Paper dwar kif għandna nkomplu nsaħħu l-qasam tal-inkjesti maġisterjali biex nieħdu konsiderazzjoni ta' ċerti realtajiet li rajniehom quddiem għajnejna.

Il-poplu kollu ra b'għajnejh, fost oħrajn, il-frustrazzjoni ġusta ta' familjari tal-vittmi li ma jafux fiex waslet l-inkjesta li tittratta l-qarib tagħhom. Issa hemm bżonn li mill-paroli ngħaddu għall-fatti billi jsiru l-interventi b'mod leġiżlattiv biex dawn jingħataw id-drittijiet, b'rispett lejn il-kunfidenzjalità tal-inkjesta li hija funzjoni importantissima fis-settur tal-ġustizzja. Irridu napprezzaw li hemm barra hemm nies li qed jistennew ġustizzja, u dan il-Gvern se jassigura li jingħataw l-għodda biex issir il-ġustizzja. Aħna nħallu lil ħaddieħor jitkellem, aħna nwettqu! (Onor. Membri: Hear, hear)

Paripassu maż-żieda fil-maġistratura se nkunu qegħdin insaħħu wkoll ir-riżorsi umani li għandhom bżonn il-maġistrati inkwirenti, fejn se naraw li jkun hemm amministrazzjoni adegwata b'tali mod li jkun hemm follow-ups relatati mal-inkjesti, partikolarment fejn jidħlu l-esperti li jitqabbdu mill-istess maġistrati. Irridu nassiguraw li dawn ikollhom ċerti follow-ups biex naraw li qegħdin jirrelataw max-xogħol tagħhom. Irridu naraw ukoll li jkun hemm riforma importanti ta' kontabilità fis-settur tal-esperti tal-Qorti, u dan se nkunu qegħdin inressquh 'il quddiem għall-konsultazzjoni pubblika.

Is-settur tal-familja wkoll huwa importantissimu fejn hemmhekk qegħdin naraw li jsiru riformi kemm mill-aspett ċivili kif ukoll, kif għedt aktar kmieni, mill-aspett kriminali. Qed issir ħidma biex inwettqu reviżjoni sħiħa tal-proċedura użata quddiem il-Qorti tal-Familja kemm mill-aspett ċivili kif ukoll mill-aspett kriminali bil-għan li din ir-reviżjoni twassal għall-ġustizzja aktar effettiva, effiċjenti u fl-aħjar interess tal-partijiet bl-inqas tbatija. Fil-qasam tal-Liġi tal-Familja sar ukoll xogħol utli u qegħdin jiġu proposti numru ta' inizjattivi għal tibdil li se jkolli l-opportunità nispjega f'aktar dettall fiż-żmien li ġej fejn imbagħad immorru għall-konsultazzjoni pubblika.

Sur President, irrid nassigura lil kulħadd li m'aħniex qegħdin nistennew il-konsultazzjoni pubblika tintemm biex nattwaw ċerti inizjattivi u fil-fatt kulħadd segwa s-sejħa pubblika li ħriġna għal aktar avukati tat-tfal. Se nkunu qed insaħħu l-pool tal-avukati tat-tfal għax nemmnu li dan għandu rwol importanti ħafna. Bir-riformi li rridu nwettqu rridu nkomplu ntejbuh u nsaħħu wkoll il-kondizzjonijiet tagħhom kif għamilna biex nassiguraw li nilħqu l-iskop tagħna.

Se jkun hemm ukoll konsultazzjoni pubblika oħra biex nassiguraw li min skonta dak li kien dovut wara li wettaq reat ma jibqax ittimbrat għal ħajtu inġustament. Irridu mmorru lil hinn mill-preġudizzji tas-soċjetà tagħna, u partikolarment lil dawn in-nies irridu nagħtuhom iċ-ċans li jerġgħu jidħlu fis-soċjetà b'mod adegwat u effettiv mingħajr preġudizzju għaliex nafu kemm din is-sitwazzjoni qed iġġib tbatija fost dawn in-nies. Dan nagħmluh għaliex aħna rridu soċjetà li tkun kontabbli fejn kulħadd jieħu dak li ħaqqu, imma ma rridux soċjetà li wara li tkun ħadt dak li ħaqqek u tiskonta sentenza ta' għaxar snin titfgħek f'sentenza għal ħajtek kollha, inkluż mal-istituzzjonijiet finanzjarji, mal-employers u mas-soċjetà inġenerali. Irridu naraw li dan l-aspett uman tal-ġustizzja jiġi mwettaq bis-serjetà.

L-istess dwar reati marbuta mal-vizzju tad-droga. Hawnhekk ukoll se mmorru għal konsultazzjoni interessanti dwar l-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga, Trattament Mhux Priġunerija. Dan biex nassiguraw li l-introduzzjoni ta' dan l-Att li għamel dan il-Gvern verament twassal għal ġustizzja aktar effettiva, effiċjenti u ta' kwalità.

Irrid insellem lill-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Liġijiet li qiegħed iwettaq ħidma b'impenn assolut. Insellem lill-Kummissarju tal-Liġijiet, l-Imħallef Emeritu Antonio Mizzi li qed ikun xprun ta' diversi riformi leġiżlattivi fis-settur tal-ġustizzja bl-assistenza teknika u bil-konsulenti tiegħu.

Rajna wkoll investiment bla preċedent fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Kelli diġà l-okkażjoni nitkellem dwar l-investiment li għamilna fis-settur tal-Avukat Ġenerali. L-istess fl-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat, u hawn inserraħ moħħ l-Oppożizzjoni li hemmhekk qegħdin nikkonkludu d-diskussjonijiet mal-ħaddiema biex nassiguraw li huma wkoll jingħataw kondizzjonijiet mill-aqwa, għax aħna rridu l-aqwa kondizzjonijiet

għall-ħaddiema tagħna biex jaraw futur f'dawn l-istituzzjonijiet daqstant importanti. (Onor. Membri: Hear, hear)

Hawnhekk irrid nagħmel daqsxejn paragun fuq is-sitwazzjoni fl-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat u fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Hawnhekk żdiedu sostanzjalment ir-riżorsi umani u litteralment aktar milli ttripplikaw l-avukati li llum iservu f'dawn l-uffiċċji. Dak huwa l-investiment konkret. Hawn hu fejn mid-diskors fil-vojt ngħaddu għall-fatti! Il-fatti qed iwasslu biex ikollna aktar atti ta' akkuża ppreparati mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, aktar kwalità fil-prosekuzzjoni fejn bil-mod il-mod kull sena qegħdin ngħaddu leġiżlazzjoni biex prosekuzzjonijiet tal-Pulizija jgħaddu għand l-Avukat Ġenerali. Kompla għaddej dan il-proċess u aħna komplejna wkoll inżidu l-investiment tagħna.

Insellem ukoll lill-avukati fl-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat li jrendu servizz tajjeb ħafna f'dak li għandu x'jaqsam mhux biss ma' xogħol ta' pariri lill-Istat Malti, lill-Gvern, lill-Ministri, lid-Dipartimenti, imma wkoll f'dak li għandu x'jaqsam mat-tħejjija tal-leġiżlazzjoni fejn ukoll titwettaq ħidma f'dan ir-rigward.

Irrid insemmi wkoll l-Asset Recovery Bureau li llum il-funzjoni tiegħu kompliet tiżdied fl-importanza. Hemmhekk qed jitwettaq xogħol ta' investiment b'reklutaġġ kontinwu f'dan is-settur biex inkomplu nassiguraw li din l-istituzzjoni importantissima fil-ġlieda kontra l-kriminalità tkompli tissaħħaħ billi tingħata r-riżorsi u infrastruttura biex tkompli taħdem. Nirringrazzjahom minn hawn tal-ħidma li qed iwettqu, inkluż fuq riformi li għadna kif ipproponejna fejn hemmhekk huma rrakkontaw l-esperjenzi tagħhom u d-diffikultajiet li qed isibu biex jassiguraw li l-liġi tkun għodda effettiva biex jiġġieldu l-kriminalità.

Kif għedt aktar kmieni, f'dik li hija għajnuna legali llum l-avukati jammontaw għal 50, jiġifieri qed nitkellmu fuq id-doppju ta' dak li hemm preżentement u aktar minn tliet darbiet aktar minn dak li kien hemm fl-2011. Dak huwa investiment bla preċedent li qiegħed isir f'dan is-settur biex nassiguraw l-aċċess għall-ġustizzja għal dawk li jgħaddu mit-test tal-mezzi u għal oħrajn li, irrispettivament mit-test tal-mezzi, qegħdin jingħataw għajnuna legali għax il-liġi qed tipprovdi għalihom. Dan flimkien ma' inizjattivi li qed tieħu din l-Aġenzija, fosthom li għadu kif ġie ffirmat ftehim ma' CareMalta għall-anzjani tagħna f'din l-istituzzjoni u fiż-żmien li ġej se jkollna aktar ftehimiet u MOUs ta' dan it-tip biex is-servizz ikompli jissaħħaħ.

Insellem ukoll lill-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern. Fl-aħħar jiem inawgurajna l-arkivji u dan l-uffiċċju kellu rwol importantissimu fit-tlestija ta' dan il-proġett li faħħru kulħadd. Huwa proġett bla preċedent, imma lil hinn minn dan nirringrazzjahom għas-servizz li joffru. Dawn joffru servizz importanti anke lil dawk li spiċċaw vittmi ta' sitwazzjonijiet ta' natura li jkunu defaulted. Hemmhekk jidħol in-Nutar tal-Gvern flimkien ma' rakkomandazzjonijiet kontinwi li jagħmel flimkien mal-Kunsill Notarili. Minn hawnhekk insellmilhom għall-ħidma li jagħmlu biex inkomplu nimmodernizzaw u nsaħħu l-liġijiet tagħna.

Din kienet sena importanti wkoll għad-Dipartiment tal-Ġustizzja li kompla jassumi aktar rwol fil-ħidma tiegħu fejn illum għandu l-aspett tal-kondotta u r-rekords kriminali. Hemmhekk żidna r-riżorsi umani biex inkomplu nsaħħu dan is-settur u rajna wkoll li jkun hemm l-infrastruttura neċessarja biex dan is-servizz ikompli jiġi modernizzat anke b'sistema diġitalizzata. L-investiment qed ikompli wkoll f'dan ir-rigward.

Rigward iċ-Ċentru tal-Arbitraġġ u ċ-Ċentru tal-Medjazzjoni, wara ż-żieda li kien hemm fid-domanda għaċ-Ċentru tal-Arbitraġġ li wasslet għal żieda ta' awla addizzjonali għas-smigħ tas-seduta arbitrali, ġew introdotti gruppi ta' arbitri ġodda biex jagħtu servizz lil dan iċ-Ċentru fejn in-numru issa tela' għal 20 ruħ. Qed issir ħidma wkoll fit-teknoloġija diġitali taċ-Ċentru ta' Medjazzjoni u bħalissa għaddej ukoll xogħol biex jinħarġu offerti għax-xiri ta' sistema ġdida. Fiċ-Ċentru ta' Medjazzjoni għaddejja ħidma li ddaħħal fis-seħħ emenda rigward il-kunsilli lokali. Dan huwa impenn elettorali li se jkun qiegħed jitwettaq u l-ħidma leġiżlattiva għaddejja f'dan ir-rigward. Hemm ukoll koperazzjoni mal-Fakultà tal-Liġi tal-Università ta' Malta fejn se jitnieda wkoll kors apposta kif ukoll taħriġ speċjalizzat lill-medjaturi rigward it-tilwim fin-negozji tal-familja. Barra minn hekk, se ssir diskussjoni mal-Kamra tal-Avukati għal aktar koperazzjoni f'dan ir-rigward.

Sur President, nikkonkludi billi nsellem lil dawk il-persuni kollha li huma involuti fis-sistema ġudizzjarja ta' pajjiżna li b'xi mod jew ieħor, direttament jew indirettament, għamilt referenza għalihom fid-diskors tiegħi. Irrid qabelxejn insellem lis-Segretarju Permanenti Johann Galea għall-impenn u d-dedikazzjoni tiegħu u tat-tim kollu fiċ-Ċivil. Insellem ukoll lis-Segretarjat u d-diversi persuni li jassistuna f'dawn ir-riformi. Insellem ukoll diversi stakeholders u lill-Ġudikatura u nirringrazzjahom tal-ħidma tagħhom. Nirringrazzja wkoll lill-Prim Imħallef li nikkoperaw ħafna flimkien biex inwettqu dawn ir-riformi. Insellem lill-Assoċjazzjoni tal-Ġudikatura, lill-avukati, lill-Kamra tal-Avukati u lid-diversi professjonisti oħrajn. Fuq kollox, insellem lill-ħaddiema tal-Qrati tagħna li minkejja l-isfidi li jsibu quddiemhom f'settur daqstant ta' responsabbiltà u daqstant sensittiv jassiguraw li ta' kuljum issir ġustizzja f'pajjiżna. (Onor. Membri: Hear, hear)

**ID-DEPUTY CHAIRPERSON:** Grazzi. Skada l-ħin tad-diskussjoni fil-Kumitat ta' Provvista. Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Ġustizzja hija konkluża u l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa huma posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

*Il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Ġustizzja rrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Ġustizzja kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kienu posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.*

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA (Membru maħtur biex jippresiedi skont Mozzjoni 174):** L-Onor. Andy Ellul.

## FTEHIM TAL-KAMRA

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, ninforma lill-Kamra li b'żieda mal-ftehim verbalizzat aktar kmieni, kull votazzjoni li tista' tintalab waqt id-diskussjoni dwar il-Mozzjoni 184 ippreżentata mill-Onor. Stanley Zammit dwar emenda għal Avviż Legali 166 tal-2023, għandha tittieħed fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2023.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Onor. Karol Aquilina, tikkonferma dan il-ftehim?

**ONOR. KAROL AQUILINA:** Iva, Sur President, nikkonferma dan il-ftehim.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Grazzi. Sar il-ħin. Is-Segretarju Parlamentari Andy Ellul, jekk jogħġbu, jipproponi l-Aġġornament tal-Kamra.

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. ANDY ELLUL:** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għall-Erbgħa, 29 ta' Novembru 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista

**<u>Id-Dsatax-il Seduta Stabbilita – Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza</u>**

Vot 27 - Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza
Vot 28 - Forzi Armata ta' Malta
Vot 29 - Pulizija
Vot 30 - Probation u Parole
Vot 31 - Protezzjoni Ċivili
Vot XIV - Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza – Kapital

Ninforma lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza għandha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Ninforma wkoll lill-Kamra li f'din is-seduta, mistoqsijiet parlamentari jsiru bejn l-4.00 p.m. u l-4.30 p.m. u l-ħin tal-Aġġornament ma jitteħidx.

**ONOR. MICHAEL FARRUGIA:** Nirringrazzja lil kull min ħa sehem f'dan id-dibattitu u lill-ħaddiema kollha tal-Kamra. Il-Kamra hija aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 29 ta' Novembru 2023 fl-4.00 p.m bl-aġenda kif ikkomunikata mis-Segretarju Parlamentari.

*F'12.23 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.*